KAPITOLU 445

ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI

Biex jipprovdi minflok l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet, Kap. 54, għas-sovrintendenza, konservazzjoni u amministrazzjoni tal-patrimonju kulturali f'Malta u dwar ħwejjeġ ancillari għal dan jew li għandhom x'jaqsmu ma' dan.

3 ta' Mejju, 2002;
15 ta' Awissu, 2002;
21 ta' Ottubru, 2002;
1 ta' Jannar, 2003

L-ATT VI tal-2002, kif emendat bl-Atti XVIII tal-2002, II tal-2005 u XXXII tal-2007; bl-Avviż Legali 426 tal-2007; u bl-Atti XXIII tal-2009 XXXIV tal-2016, XIX tal-2019, XXI tal-2020 u XLI tal-2021 u XXI tal-2024.

Arranġament tal-Att

		Artikoli
TAQSIMA I	Preliminari	1-3
TAQSIMA II	Prinċipji u Dmirijiet Ġenerali	4-6
TAQSIMA III	Kostituzzjoni, Kompożizzjoni u Funzjonijiet tal-Entitajiet	7-14
TAQSIMA IV	Dispożizzjonijiet Amministrattivi u dwar il-Persunal	15-17
TAQSIMA V	Dispożizzjonijiet Finanzjarji	18-28
TAQSIMA VI	Professjonijiet fil-Konservazzjoni	29-43
TAQSIMA VII	Patrimonju Kulturali ta' Taħt l-Ilma	44-48
TAQSIMA VIII	Protezzjoni tal-Patrimonju Kulturali	49-52
TAQSIMA IX	Poteri Speċjali tal-Istat	53-68
TAQSIMA X	Patrimonju Kulturali Reliġjuż	69
TAQSIMA XI	Reati	70-71
TAQSIMA XII	Regolamenti	72
TAQSIMA XIII	Mixxelanji	73
SKEDA	Rati ta' Drittijiet Amministrattivi	

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att dwar il-Patrimonju Kulturali.

Tifsir.
Emendat: XXXII. 2007.19; XIX. 2019.3; XLI. 2021.3.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Operattiva mwaqqfa taħt l-artikolu 8;

"Aġenzija tal-Gvern" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

Kap. 497.

"avviż ta' sospensjoni" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 62;

"Awtorità tal-Ippjanar" tfisser l-Awtorità mwaqqfa taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

Kap. 552.

"bastiment" tinkludi kull bastiment użat fin-navigazzjoni bl-ilma, inkluż sottomarini;

"bini skedat" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

Kap. 552.

"Bord" tfisser il-Bord tal-*Warrants* tar-Restawraturi kif stabbilit bl-artikolu 35;

"detentur tal-patrimonju kulturali" tfisser min fiżikament għandu oġġett kulturali f'isem terzi;

"Dipartiment tal-Gvern" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

Kap. 497.

"dritt ta' preferenza" tfisser il-jedd mogħti lis-Sovrintendent bi u skont l-artikolu 55;

"Entità tal-Gvern" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

Kap. 497.

"Entitajiet" tfisser is-Sovrintendenza, l-Aġenzija, il-Kunsill u l-Fond, u Entità għandha tiftiehem skont hekk;

"esplorazzjoni"tfisser attività fuq l-art u fl-ibħra territorjali jew fiż-żona kontigwa, magħmula bil-għan li tiskopri informazzjoni ġdida li tirrigwarda l-patrimonju kulturali jew fit-tfittxija li jiġu skoperti oġġetti mobbli jew immobbli ta' valur għall-patrimonju kulturali li għadhom mhux dokumentati fl-inventarju nazzjonali ta' proprjetà kulturali;

"Fond" tfisser tfisser il-Fond dwar il-Patrimonju Kulturali mwaqqaf bl-artikolu 13;

"Forum" tfisser il-Forum Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali mwaqqaf fl-artikolu 14;

"ftehim ta' fiduċja" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 51;

"funzjoni" tinkludi kull responsabbiltà, poter u dmir;

"Ħiliet tal-patrimonju" għandha tinkludi, iżda m'għandhiex tkun limitata għal, dawk il-ħiliet, abbiltajiet u kompetenzi meħtieġa għat-

tlestija ta' xogħol speċifiku fl-isfera tal-patrimonju kulturali. Dawn il-ħiliet jinkludu l-applikazzjoni ta' sengħa jew artiġjanat patrimonjali, għarfien, użanza, arti, teknika u ħila kif ġew żviluppati u salvagwardjati, kemm permezz ta' tradizzjoni jew istruzzjoni, u li għandhom kuntest ta' konservazzjoni;

"ibħra territorjali" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, u tinkludi l-ibħra kollha li jinsabu bejn il-linji bażi hemm imsemmija u l-kosta; Kap. 226.

"inventarju" tfisser lista b'informazzjoni assoċjata ta' proprjetà kulturali li tista' tkun inkluża fl-inventarju nazzjonali:

Iżda l-inventarju nazzjonali għandu jfisser dik il-lista b'informazzjoni assoċjata ta' proprjetà kulturali kif stabbilit taħt l-artikolu 7(5);

"investigazzjoni" tfisser kull attività għall-fini li tinkiseb u tiġi reġistrata informazzjoni li jkollha x'taqsam mal-patrimonju kulturali u tinkludi kull xogħol għall-finijiet li jiġu identifikati, skoperti, skavati, mikxufa, rkuprati u mneħħija kull oġġett jew materjal li jkunu sitwati fi, fuq jew taħt xi proprjetà kulturali;

"investigazzjoni fuq il-post" tfisser programm limitat jew dettaljat, skont il-każ, ta' xogħol fuq il-post intrużiv jew mhux intrużiv biex jiddetermina l-preżenza jew xort'oħra ta' karatteristiċi arkeoloġiċi, strutturi, depożiti, artefatti jew ekofatti f'żona jew sit speċifikat fuq l-art jew taħt l-ilma;

"jikkoordina" tfisser l-iskambju ta' veduti bil-fomm jew bil-miktub, qabel ma tittieħed xi deċiżjoni jew titwettaq xi azzjoni, bil-għan li jiġu evitati konflitti, ħela u żbalji jew sabiex jinsab rimedju għalihom;

"kollezzjonijiet pubbliċi" tfisser kollezzjonijiet ta' oġġetti kulturali li huma proprjetà tal-Gvern ta' Malta, entitajiet tal-gvern, awtoritajiet, korporazzjonijiet, fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet tal-gvern;

"'kollezzjonijiet semi-pubbliċi" tfisser kollezzjonijiet ta' oġġetti kulturali li mhumiex direttament proprjetà tal-Gvern iżda tali kollezzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi applikabbli għal kollezzjonijiet pubbliċi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

"konservatur-restawratur" tfisser persuna kwalifikata professjonalment li tkun detentur ta' *warrant* taħt dan l-Att;

"konservazzjoni" tfisser kull attività meħtieġa sabiex timmassimizza r-reżistenza u tnaqqas kemm jista' jkun id-deterjorament ta' kwalunkwe proprjetà kulturali, u tinkludi l-eżaminar, ir-riċerka, l-ittestjar, it-trattament, ir-reġistrazzjoni u l-preservazzjoni ta' tali proprjetà kulturali jew kwalunkwe parti minnha;;

"konservazzjoni integrata" tfisser dik il-firxa sħiħa ta' miżuri li għandhom l-iskop li jassiguraw it-tkomplija ġejjiena tal-patrimonju kulturali, li dan jinżamm hekk li jagħmel parti minn ambjent adatt, sew jekk magħmul mill-bniedem sew jekk naturali, l-utilizzazzjoni tiegħu u l-adattament tiegħu għall-ħtiġiet tas-soċjetà. Dak l-għan għandu jinkiseb permezz tal-għoti ta' ħajja mill-ġdid u tal-integrazzjoni tal-patrimonju kulturali fi ħdan l-ambjent fiżiku tas-

soċjetà tal-lum u bl-assenjazzjoni ta' funzjoni soċjali għal dak il-patrimonju kulturali li jkun kompatibbli mad-dinjità tiegħu u mal-qagħda li jkollu;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Nazzjonali għall- Patrimonju Kulturali mwaqqaf bl-artikolu 12;

Kap. 363. "Kunsill Lokali" tfisser xi kunsill lokali mwaqqaf taħt l-Att dwar Gvern Lokali;

"kurazija" u "att ta' kurazija" għandu jkollhom it-tifsira rispettivament mogħtija lilhom fl-artikolu 64;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-patrimonju kulturali, u tinkludi, fil-limitu ta' kull awtorità mogħtija, kull min ikun speċifikament awtorizzat mill-Ministru għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att;

"missjoni" tfisser l-għan u l-iskop ta' organizzazzjoni;

"mużew" tfisser istituzzjoni permanenti fis-servizz ta' soċjetà u tal-iżvilupp tagħha, u miftuħa għall-pubbliku, li takkwista, tiġbor, tikkonserva, tagħmel riċerka, tiddokumenta, tikkomunika u tesibixxi għall-fini ta' studju, edukazzoni u tgawdija tal-patrimonju kulturali u informazzjoni assoċjata tal-umanità u tal-ambjent relattiv għall-benefiċċju pubbliku;

"oġġett intrużiv" tfisser oġġett li huwa mwaħħal mal-fdalijiet ta' vapur, ma' karatteristika topografika naturali jew mas-sottoswol tal-qiegħ tal-baħar;

''Organizzazzjoni Mhux Governattiva'' tfisser kwalunkwe organizzazzjoni volontarja li l-għan tagħha huwa l-promozzjoni tal-patrimonju kulturali u tista' tinkludi l-konservazzjoni, restawr, ġestjoni, preżentazzjoni u, jew studju ta' proprjetà kulturali u li ġiet debitament ipprovduta b'ċertifikat ta' iskrizzjoni mill-Kummissjoni
Kap. 492. għall-Organizzazzjonijiet Volontarji taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji;

"ordni ta' konservazzjoni u protezzjoni" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 63;

"osservatur" tfisser persuna akkreditata u debitament awtorizzata minn, u li taħdem taħt l-istruzzjonijiet tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali biex twettaq attivitajiet ta' monitoraġġ u t-terminu "monitoraġġ" għandu jirreferi għal persuna akkreditata li twettaq dan il-kompitu;

"pajsaġġ" tfisser żona, kif perċepita min-nies, li l-karatteristiċi tagħha huma r-riżultat tal-azzjoni u l-interazzjoni ta' fatturi naturali u, jew tal-bniedem;

"patrimonju kulturali" tfisser oġġetti mobbli jew immobbli ta' importanza artistika, arkitettonika, storika, arkeoloġika, etnografika, paleontoloġika u ġeologika u tinkludi informazzjoni jew *data* relattivi għall-patrimonju kulturali li jappartjeni lil Malta jew lil xi pajjiż ieħor. Dan jinkludi wkoll siti jew depożiti arkeoloġiċi, paleontoloġiċi jew ġeoloġiċi, fdalijiet umani, pajsaġġ tal-art, tal-baħar u ta' taħt il-baħar, gruppi ta' bini, kif ukoll kollezzjonijiet xjentifiċi, kollezzjonijiet ta' kampjuni naturali u ta' oġġetti artistiċi, manuskritti, kotba, materjal ippubblikat, arkivji, materjal awdjo-viżiv u riproduzzjonijiet ta' xi

waħda minn dawn hawn qabel imsemmija, jew kollezzjonijiet ta' valur storiku, kif ukoll assi kulturali intanġibbli li jinkludu l-arti, it-tradizzjonjiet, id-drawwiet u l-ħiliet li jintużaw fl-arti dimostrattiva, fl-arti applikata u fl-artiġjanat u assi intanġibbli oħra li għandhom valur storiku, artistiku jew etnografiku;

"Patrimonju Kulturali ta' taħt l-Ilma" tfisser kull traċċa ta' eżistenza tal-bniedem li għandha karattru kulturali, storiku jew arkeoloġiku li kienet parzjalment jew totalment taħt l-ilma, perjodikament jew kontinwament, għal mill-inqas ħamsin sena u li hi relatata ma' Malta bħal, iżda mhux limitata għal:

(i) siti, strutturi, bini, artefatti u fdalijiet tal-bniedem, flimkien mal-kuntest arkeoloġiku u naturali tagħhom;

(ii) bastimenti, inġenji tal-ajru, vetturi oħra jew kwalunkwe parti minnhom, il-merkanzija tagħhom jew kontenuti oħra, flimkien mal-kuntest arkeoloġiku u naturali tagħhom; u

(iii) oġġetti ta' karattru preistoriċi:

Iżda l-Patrimonju Kulturali ta' Taħt l-Ilma ma għandux jinkludi *pipelines*, *cables* u installazzjonijiet imqiegħda f'qiegħ il-baħar u li jkunu għadhom jintużaw:

Iżda wkoll il-Patrimonju Kulturali ta' Taħt l-Ilma li jkun tneħħa mill-ilmijiet għandu jinkludi referenza għall-fdalijiet ta' bastiment, għal parti mill-fdalijiet ta' bastiment, għal oġġett jew parti minnu, skont il-każ:

(*a*) li nġarru minn dawk l-ilmijiet;

(*b*) li tneħħew, jew inġarru minn qiegħ il-baħar, jew mis-sottoswol ta' qiegħ il-baħar, taħt dawk l-ilmijiet; jew

(*ċ*) li tneħħew, jew inġarru, minn karatteristika topografika naturali f'dawk l-ilmijiet;

"Perit" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Periti; Kap. 390.

"preskritt" tfisser preskritt taħt dan l-Att;

"proprjetà kulturali" tfisser proprjetà mobbli jew immobbli, irrespettivament ta' min hi, li tagħmel parti mill-patrimonju kulturali;

"pussessur" tfisser min fiżikament ikollu l-oġġett kulturali f'ismu proprju;

"Regolatur" tfisser is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali;

"restawr" tfisser attività ta' speċjalizzazzjoni għolja għall-konservazzjoni tal-integrità tal-patrimonju kulturali, li toħroġ il-valuri u ttejjeb il-mod kif jinqara l-istat, il-forma u d-disinn oriġinali, fil-parametri ta' materjal li jkun għadu jeżisti. Dik l-attività għandha tkun imsejsa fuq proċess kritiku, storiku u xjentifiku ta' valutazzjoni u mhux fuq konġettura;

"sena finanzjarja" tfisser il-perjodu ta' tnax-il xahar li jtemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena;

"sid" dwar proprjetà kulturali tinkludi *directus dominus*, *sub directus dominus*, enfitewta, sub-enfitewta, min ikollu l-proprjetà nuda u użufruttwarju;

"skavar" tfisser investigazzjoni u dokumentazzjoni stratigrafika, xjentifika arkeoloġika biex tinforma riċerka, proġetti ta' kostruzzjoni ta' bini, konservazzjoni, protezzjoni u mmaniġġjar ta' kuntesti arkeoloġici, b'osservazzjoni tal-provenjenza, matriċi, assoċjazzjoni, artifatti, ekofatti, karatteristiċi u strutturi fuq l-art u fl-ibħra territorjali, u jistgħu jinkludu metodi mhux intrusivi jew intrusivi;

"sorveljanza" tfisser attività mis-Sovrintendenza li tkun tinkludi attività li jkollha x'taqsam mal-kontroll, direzzjoni, sorveljar, regolament, investigazzjoni u reġistrar tal-patrimonju kulturali, u tinkludi kull attività li jkollha x'taqsam ma' dan;

"Sovrintendenza" tfisser is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali mwaqqfa bl-artikolu 7 u "Sovrintendent" tfisser is-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali msemmi fl-istess l-artikolu;

"stħarriġ" tfisser l-użu ta' tekniċi mhux intruživi u mhux distruttivi biex jiddeterminaw il-preżenza jew in-nuqqas ta' anomaliji li jirriżultaw minn karatteristiċi arkeoloġiċi, strutturi jew depożiti, f'żona jew sit speċifikati fuq l-art jew taħt l-ilma. Għall-finijiet ta' dan l-Att, l-istħarriġ jinkludi kull attività mfassla biex teżamina u tirreġistra żona jew karatteristiċi tagħha sabiex tiddeskrivi u tiġbor *data* miktuba, imkejla jew grafika;

"uffiċjal" u "impjegat" tinkludi uffiċjal pubbliku mqabbad jaqdi dmirijiet f'xi Entità, Kumitat jew korp imwaqqaf taħt dan l-Att;

"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"*warrant*" tfisser *warrant* li jingħata skont it-Taqsima VI ta' dan l-Att, u detentur ta' *warrant* għandha tinftiehem skont hekk;

Kap. 226. "żona kontigwa" għandha t-tifsira kif mogħtija lilha bl-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa;

"żona protetta" tfisser żona li fir-rigward tagħha hemm avviż tal-Gvern fis-seħħ u kwalunkwe żona li permezz tagħha ż-żona msemmija hija estiża b'avviż li jkun fis-seħħ taħt dan l-Att u tinkludi l-arja ta' fuq dik iż-żona u kwalunkwe ilmijiet, il-qiegħ tal-baħar u s-sottoswol inklużi f'tali żona;

Kap. 552. "żvilupp" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Oġġetti li dwarhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Att, oġġett ma jitqiesx li jkun jagħmel parti mill-patrimonju kulturali kemm-il darba dan ma jkunx eżista f'Malta, inklużi l-ibħra territorjali tagħha, jew f'xi pajjiż ieħor, għal ħamsin sena, jew kemm-il darba ma jkunx oġġett ta' valur kulturali, artistiku, storiku, etnografiku, xjentifiku jew industrijali, ukoll jekk kontemporanju, li għandu jiġi preservat.

TAQSIMA II

PRINĊIPJI U DMIRIJIET ĠENERALI

Prinċipji u dmirijiet.

4. (1) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu u tal-artikoli l-oħra ta' din it-Taqsima m'għandhomx ikunu esegwibbli f'xi qorti tal-ġustizzja, madankollu l-prinċipji li jinsabu fiha huma fondamentali għall-protezzjoni tal-patrimonju kulturali u tkun il-mira tal-Istat li japplikahom u li jiggwida ruħu bihom.

(2) Kull ċittadin ta' Malta kif ukoll kull min ikun preżenti f'Malta għandu jkollu d-dmir li jipproteġi l-patrimonju kulturali kif ukoll id-dritt li jibbenefika minn dan il-patrimonju kulturali permezz tat-tagħlim u tat-tgawdija. Il-patrimonju kulturali huwa assi ta' valur spiritwali, kulturali, soċjali u ekonomiku li ma jistax jiġi mibdul, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tiegħu huma indispensabbli għal ħajja bilanċjata u kompluta.

(3) L-Istat Malti jkollu d-dmir jistabbilixxi u jżomm strutturi amministrattivi u regolatorji ta' sovrintendenza sabiex jiżgura li dan il-patrimonju ikun protett u konservat, kif ukoll jaħseb għal dawk l-istrutturi l-oħra li jkunu meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-kura, espożizzjoni u apprezzament ta' dan il-patrimonju.

(4) Id-dmir li tipproteġi jinkludi d-dmir li tiddokumenta, tikkonserva, tagħmel manutenzjoni, tirrestawra u jinkludi d-dmir ta' intervent meta jitqies li jkun hekk meħtieġ, inklużi f'ċirkostanzi ta' użu mhux kif imiss, nuqqas ta' konservazzjoni jew applikazzjoni ta' metodi ta' konservazzjoni mhux kif għandhom ikunu. Dak id-dmir li tipproteġi jinkludi wkoll id-dmir ta' inkoraġġiment tal-użu sostenibbli u ż-żamma fi stat tajjeb tar-riżorsa ta' patrimonju kulturali, skont il-prinċipji ta' konservazzjoni integrata, inkluż:

(*a*) l-inkoraġġiment tal-integrazzjoni ta' pratki ta' konservazzjoni u ta' tmexxija għar-rigward tal-patrimonju kulturali f'kull livell ta' gvern, gvern lokali, is-settur privat u tal-volontarjat;

(*b*) l-aċċertament li l-konservazzjoni, it-tmexxija u inizjattivi oħra li jolqtu l-patrimonju kulturali jkunu jqisu kull politika ta' inklużjoni soċjali;

(*ċ*) l-aċċertament li l-konservazzjoni, l-ippjanar tal-art u inizjattivi oħra li jkunu jolqtu nħawi ta' patrimonju kulturali jkunu jqisu n-nisġa soċjali ta' komunitajiet eżistenti u jkunu jħabirku biex itejbu l-kondizzjonijiet ta' għajxien għal kull livell tas-soċjetà. Dawk l-inizjattivi għandhom jiżguraw, fejn ikun possibbli, li ma jwasslux għal bidliet negattivi fin-nisġa soċjali tal-popolazzjoni ta' xi lokalità, tkun liema tkun, fejn isir xi intervent;

(*d*) il-promozzjoni ta' għarfien pubbliku dwar ir-rikkezza u l-firxa ta' patrimonju kulturali bħala parti intrinsika mill-ambjent tal-bniedem, u tal-bżonn li ssir ħidma biex ma jitbaxxewx dawk l-istess assi ta' patrimonju kulturali li fuqhom tkun tiddependi l-kwalità ta' dak l-istess ambjent, kif ukoll tar-raġunijiet kulturali, ekonomiċi u soċjali li jkunu jiġġustifikaw il-protezzjoni relattiva;

(*e*) il-konsiderazzjoni ta' problemi speċjali tal-konservazzjoni, manutenzjoni u tmexxija tal-patrimonju kulturali f'politika dwar dak kollu li jirrigwarda t-tniġġis tal-ambjent;

(*f*) il-promozzjoni ta' politika fiskali u finanzjarja li tinkoraġġixxi sidien ta' patrimonju kulturali li jżommu fi stat tajjeb, jikkonservaw, jipproteġu u jagħmlu użu kif imiss ta' dik il-proprjetà.

(5) Id-dmir li tagħmel aċċessibbli jinkludi d-dmir li tesibbixxi, tagħmel riċerka, tirrendi aċċessibbli għal riċerka, studju u tgawdija, il-patrimonju kulturali u li jinġieb 'il quddiem l-għarfien, l-apprezzament u l-konoxxenza ta' dan il-patrimonju fil-parametri tal-prinċipju ta' inklużjoni soċjali. Il-jedd ta' aċċess għal u benefiċċju minn dan il-patrimonju kulturali ma jappartjenix unikament għall-ġenerazzjoni preżenti. Kull ġenerazzjoni jkollha d-dmir li tipproteġi dan il-patrimonju u li tagħmlu aċċessibbli għal ġenerazzjonijiet fil-ġejjieni u għall-umanità kollha.

Kondizzjonijiet.

5. Fit-twettiq ta' dmirijietu l-Istat jista' jiddelega kull dmir minn dawk stipulati fl-artikolu 4 lil Entitajiet li jkunu diġà jeżistu, jew lil entitajiet oħra pubbliċi jew mhux statali li jistgħu jkunu mwaqqfa għal dak l-iskop, iżda l-Istat għandu:

(*a*) jippubblika l-kondizzjonijiet li taħthom dik id-delega tkun mogħtija;

(*b*) jirriserva l-proprjetà pubblika ta' dak kollu li jitqiegħed f'fedekommess b'dik id-delega;

(*ċ*) jirriserva l-jedd ta' sovrintendenza.

Prjorità lill-patrimonju kulturali.

6. Il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-patrimonju kulturali u l-aċċessibilità għalih għandhom jingħataw prjorità għolja ħafna meta tkun qed tiġi deċiża xi tkun il-politika pubblika f'kull qasam ta' attività f'Malta.

TAQSIMA III

KOSTITUZZJONI, KOMPOŻIZZJONI U FUNZJONIJIET TAL-ENTITAJIET

Sovrintendenza. *Emendat: XIX.2019.5; XLI. 2021.4.*

7. (1) Għandu jkun hemm regolatur għall-patrimonju kulturali minn hawn 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, taħt ir-responsabbiltà u l-amministrazzjoni tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali. Il-missjoni tas-Sovrintendenza hija li twettaq id-dmirijiet tal-Istat biex tiżgura l-protezzjoni u l-aċċessibilità tal-patrimonju kulturali kif imfisser f'dan l-Att.

Personalità ġuridika u rappreżentanza legali.

(2) Is-Sovrintendenza tkun korp magħqud li jkollu personalità ġuridika distinta u li tkun tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, tikseb, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, jew li tħarrek jew li tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet kollha u li tagħmel dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

(3) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tas-Sovrintendenza tvesti fis-Sovrintendent iżda s-Sovrintendent jista' jaħtar lil xi ħadd, inkluż xi uffiċjal jew impjegat wieħed jew iktar tas-Sovrintendenza, biex jidher f'isimha u għaliha f'kull proċediment ġudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, istrument jew dokument ieħor ta' liema xorta jkun.

Ħatra ta' Sovrintendent.

(4) Is-Sovrintendent jinħatar mill-Ministru għal perjodu ta' mhux iżjed minn ħames snin taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif stabbilit fl-ittra tal-ħatra tiegħu. Meta jagħlqilha ż-żmien tal-kariga persuna tista' terġa tinħatar għal perjodu jew perjodi ulterjuri.

Funzjonijiet u dmirijiet tas-Sovrintendenza.

(5) Tkun il-funzjoni tas-Sovrintendenza:

(*a*) li taġixxi bħala repożitorju nazzjonali għall-inventarju nazzjonali tal-patrimonju kulturali liema funzjoni għandha tinkludi d-dritt li tistabbilixxi, taġġorna, tiġġestixxi u, fejn xieraq, tippubblika, jew tiżgura l-kumpilazzjoni ta' inventarju nazzjonali ta' proprjetà kulturali kif stipulat fl-artikolu 53;

(*b*) li teżerċita sorveljanza fuq il-protezzjoni, skavar, monitoraġġ, esplorazzjoni, konservazzjoni, restawr, manutenzjoni, esibizzjoni u aċċessibilità, importazzjoni, esportazzjoni u moviment ta' proprjetà kulturali;

(*ċ*) li tippromwovi u tmexxi riċerka fil-qasam tal-patrimonju kulturali u li tagħmel skavi u investigazzjonijiet oħra li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiġu skoperti, jingħataw attenzjoni u jkunu apprezzati oġġetti jew aspetti tal-patrimonju kulturali;

(*d*) li tawtorizza skavi, kif ukoll li tissorvelja l-iskavi b'hekk li tiżgura li dawk l-iskavi, id-dokumentazzjoni tagħhom u l-esibizzjoni tar-riżultati relattivi jkunu skont metodi xjentifiċi u li tintuża l-aħjar teknoloġija possibbli;

(*e*) li tiżgura li tinżamm u tiġi arkivjata dokumentazzjoni adegwata dwar l-iskavar, l-esplorazzjoni u t-tfittxija għall-antikitajiet, il-konservazzjoni ta' proprjetà kulturali u skoperti li jirriżultaw minn stimi tal-impatt fuq l-ambjent;

(*f*) li tippromwovi u tassigura l-aħjar politika, livelli u pratka għall-konservazzjoni u l-preżentazzjoni ta' artefatti, kollezzjonijiet, mużewijiet, bini, monumenti u siti u li żżomm id-*databases* u l-informazzjoni meħtieġa kollha derivata minn jew meħtieġa biex torganizza, tippjana, tikkoordina u tissorvelja proġetti ta' restawr u konservazzjoni;

(*g*) li tagħti parir u tikkoordina flimkien mal-Awtorità tal-Ippjanar kull azzjoni għas-salvagwardja tal-patrimonju kulturali, kif ukoll biex jagħti pariri lil korpi pertinenti oħra dwar il-kwistjonijiet kollha tal-patrimonju kulturali meta jkunu qegħdin jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet għal xi permessi tal-ippjanar li jkollhom x'jaqsmu ma' żvilupp li jkun jolqot oġġetti, siti, bini jew paesaġġ li

jagħmlu parti mill-patrimonju kulturali;

(*h*) li tagħti parir lill-Ministru dwar il-koperazzjoni ma' gvernijiet u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra fil-qasam tal-protezzjoni tal-patrimonju kulturali;

(*i*) wara li tikkonsulta lill-Kunsill, li tagħti parir lill-Ministru dwar il-ħtieġa li jiġu infurzati xogħlijiet urġenti ta' tiswija jew konservazzjoni skont l-artikolu 57, kif ukoll dwar il-ħtieġa għall-akkwist mġiegħel ta' siti jew bini mill-Gvern skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, għall-aħjar protezzjoni tal-patrimonju kulturali;

Kap. 88.

(*j*) b'mod ġenerali biex tagħti pariri lill-Ministru fuq kull kwistjoni għar-rigward tal-patrimonju kulturali u l-proprjetà kulturali;

(*k*) biex taqdi kull funzjoni oħra bħal dawk taħt din il-liġi jew kull liġi oħra kif ukoll dawk il-funzjonijiet l-oħra kollha li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jassenjalha;

(*l*) li tagħti parir lill-Gvern, f'konsultazzjoni mal-Kunsill u l-Aġenzija u korpi oħra rilevanti, dwar politika ta' konservazzjoni u restawr;

(*m*) biex takkredita għall-finijiet ta' dan l-Att organizzazzjonijiet mhux governattivi stabbiliti biex jippromwovu patrimonju kulturali, inkluži l-konservazzjoni, ir-restawr, il-ġestjoni, il-preżentazzjoni jew l-istudju ta' proprjetà kulturali li huma jżommu b'titolu ta' proprjetà jew b'fiduċja, u li tikkompila, iżżomm u regolarment taġġorna reġistru ta' dawn l-organizzazzjonijiet mhux governattivi:

Iżda kull organizzazzjoni mhux governattiva li tkun inkluża f'tali reġistru għandha tikseb l-approvazzjoni preliminari tal-Ministru;

(*n*) li tagħti parir lill-Ministru, wara diskussjoni mal-Kunsill, dwar l-inkarigu ta' oġġetti ta' proprjetà ta' patrimonju kulturali lil entitajiet kulturali oħra, organizzazzjonijiet mhux governattivi kulturali u kunsilli lokali, skont il-kundizzjonijiet u t-termini stipulati fi ftehim ta' fiduċja;

(*o*) bla ħsara għad-drittijiet intellettwali tal-istituzzjonijiet li għandhom interess u ta' riċerkaturi individwali, li tagħmel aċċessibbli għall-pubbliku permezz tal-pubblikazzjoni u t-tixrid, ir-riżultati tar-riċerka u investigazzjonijiet imwettqa mis-Sovrintendenza jew minn persuni oħra taħt l-awtorità tagħha;

(*p*) li twettaq riċerka u tikkonsulta dipartimenti tal-Gvern, organizzazzjonijiet privati u organizzazzjonijiet internazzjonali u persuni oħra kif jista' jkun meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietha taħt dan l-Att; u

(*q*) li taħtar u takkredita osservaturi u esperti kif meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att.

Aġenzija operattiva. *Emendat: XIX.2019.6; XLI. 2021.5.*

8. (1) Ikun hemm aġenzija operattiva hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsemmija l-Aġenzija li tkun magħrufa bħala "Patrimonju Malta". Il-missjoni tal-Aġenzija tkun li tiżgura li dawk l-elementi tal-patrimonju kulturali fdati lilha jkunu protetti u jisru aċċessibbli għall-pubbliku, kif provdut f'dan l-Att.

(2) L-Aġenzija tkun korp magħqud li jkollu personalità ġuridika distinta u tkun tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tneħħi kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, jew li tħarrek u tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet kollha kif ukoll dawk l-operazzjonijiet li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eserċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

Rappreżentanza legali u ġudizzjarja.

(3) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Aġenzija tvesti fil-President, iżda l-President jista' jaħtar lill-Uffiċjal Ewlieni Eżekuttiv jew xi wieħed jew iktar mill-uffiċjali jew impjegati tal-Aġenzija, biex jidher f'isimha u għaliha f'kull proċediment ġudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, istrument jew dokument ieħor ta' liema xorta jkun.

Funzjonijiet tal-Aġenzija.

(4) Tkun il-funzjoni tal-Aġenzija:

(*a*) li tiżgura li l-mużewijiet, il-kollezzjonijiet inklużi kollezzjonijiet ta' riserva, siti, bini u proprjetà, mobbli jew immobbli, li jifformaw parti mill-patrimonju kulturali, kemm jekk huma proprjetà tagħha jew amministrati minnha, jiġu konservati, restawrati, amministrati, ġestiti, operati, mogħtija pubbliċità, studjati, riċerkati u fejn applikabbli, skavati u ppreżentati għall-esibizzjoni, bl-aħjar mod possibbli;

(*b*) li takkwista bi proprjetà jew bħala oġġetti fdati f'idejha, kollezzjonijiet ta' oġġetti, siti, bini, għall-mużewijiet, kollezzjonijiet, siti u bini;

(*ċ*) li twettaq, f'kull każ taħt is-sorveljanza tas-Sovrintendent, jew tikkummissjona r-restawr jew konservazzjoni, ta' proprjetà kulturali li tkun proprjetà jew xort'oħra miżmuma jew amministrata mill-Aġenzija;

(*d*) li tikkoordina mal-Awtorità dwar it-Turiżmu ta' Malta, mal-Awtorità tal-Ippjanar u ma' korpi oħra involuti, miżuri li jitqiesu meħtieġa sabiex oġġetti, siti u bini ta' patrimonju kulturali jkunu protetti u jsiru aċċessibbli permezz ta' kull konservazzjoni, manutenzjoni, restawr, esibizzjoni u promozzjoni meħtieġa;

(*e*) li tippromwovi konoxxenza, edukazzjoni, apprezzament u tgawdija pubblika tal-patrimonju kulturali;

(*f*) b'koordinament mas-Sovrintendenza tikkonsulta mal-kunsilli lokali fil-ħarsien tal-patrimonju kulturali fil-lokalità tagħhom;

(*g*) li tippromwovi u twettaq riċerka fil-qasam tal-patrimonju kulturali u, bla ħsara għall-funzjoni regolatorja tas-Sovrintendent, li twettaq skavi u investigazzjonijiet oħra li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex oġġetti jew aspetti tal-

patrimonju kulturali jiġu skoperti, mħarsin u apprezzati;

(*h*) li tipprovdi aċċess lis-Sovrintendent għad-dokumentazzjoni ta' xogħlijiet ta' restawr u konservazzjoni mwettqa għand jew mill-Aġenzija, u, fejn meħtieġ, il-prinċipji, teknoloġija u metodoloġija użati;

(*i*) li taġixxi bħala aġenzija nazzjonali ta' konsulenza dwar kwistjonijiet relatati mal-konservazzjoni u r-restawr u kull kwistjoni relatata mal-funzjonijiet tiegħu;

(*j*) meta jkun hekk meħtieġ, li tagħti pariri lill-Gvern, wara konsultazzjoni mas-Sovrintendenza u l-Kunsill, dwar politika ta' konservazzjoni u restawr li tkopri lil Malta u tidentifika oqsma prijoritarji u bżonnijiet speċjali;

(*k*) li twaqqaf u żżomm is-sistemi kollha meħtieġa, speċjalment *databases* ta' konservazzjoni, meħtieġa għall-organizzazzjoni, dokumentazzjoni, pjanar, koordinazzjoni, kontroll, monitoraġġ u b'mod ġenerali t-twettiq ta' proġetti ta' restawr tal-Aġenzija;

(*l*) li twaqqaf u żżomm dijanjosi xjentifiċi u laboratorji ta' konservazzjoni mgħammra b'mod sħiħ għall-iskop tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;

(*m*) li tidħol fi ftehim ta' mmaniġġjar ma' entitajiet u korpi sabiex jimmaniġġjaw proprjetà kulturali;

(*n*) li twettaq dawk il-funzjonijiet l-oħra kollha taħt din il-liġi jew xi liġi oħra kif ukoll dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jassenjalha, u b'mod ġenerali tagħti parir lill-Ministru fuq il-kwistjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-patrimonju kulturali u l-proprjetà kulturali; u

(*o*) li twaqqaf u tmexxi l-Uffiċċju tal-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta.

(5) (*a*) Bil-għan li jiġu żgurati l-aħjar konservazzjoni, restawr, tmexxija, amministrazzjoni, *marketing*, esibizzjoni, preżentazzjoni jew studju ta' xi qasam partikolari tal-patrimonju kulturali, l-Aġenzija tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru, u f'konsultazzjoni mas-Sovrintendent, jew tiddelega l-funzjonijiet tagħha lil xi enti eżistenti jew lil xi enti li għad trid tiġi mwaqqfa, sew pubblika sew privata, jew lil xi soċjetà msieħba magħha, kif ikun meħtieġ, u f'kull każ taħt dawk il-kondizzjonijiet kif stabbiliti mis-Sovrintendent u approvati u ppubblikati mill-Ministru fil-Gazzetta, b'dana però illi fejn id-delega fuq imsemmija tkun tikkonsisti f'att ta' kurazija għandhom jiġu segwiti d-dispożizzjoniijiet tal-artikolu 64.

(*b*) L-Aġenzija tista', meta jkun adatt, twettaq ukoll il-funzjonijiet tagħha direttament permezz tar-riżorsi

tagħha nnifisha.

(6) L-Aġenzija għandha tagħti lis-Sovrintendent kull informazzjoni li huwa jista' jeħtieġ sabiex ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

Bord tad-Diretturi.

9. (1) L-Aġenzija tkun regolata minn Bord tad-Diretturi magħmul minn mhux inqas minn ħames membri u mhux iktar minn disa' membri, li wieħed minnhom ikun il-President, ieħor il-Viċi President, u ieħor nominat mill-Ministru responsabbli għal Għawdex.

(2) Il-membri tal-Bord jinħatru mill-Ministru għal perjodu ta' mhux inqas minn tliet snin imma mhux iżjed minn ħames snin kif jista' jkun deċiż fl-ittra tal-ħatra tagħhom. Membri tal-Bord jistgħu, meta jiskadi ż-żmien tal-kariga tagħhom, jerġgħu jiġu maħtura.

(3) Il-funzjonijiet tal-Bord ikunu:

(*a*) li jiddeċiedi l-politika u l-istrateġija tal-Aġenzija;

(*b*) li jimpjega u jmexxi r-riżorsi umani meħtieġa biex jikseb il-miri tal-Aġenzija;

(*ċ*) li jiżgura l-amministrazzjoni finanzjarja xierqa tal-Aġenzija;

(*d*) li jiżgura l-kollaborazzjoni mal-korpi lokali u barranin li tkun meħtieġa sabiex jinkisbu l-miri tal-Aġenzija.

(4) Il-Bord għandu jaħtar Uffiċjal Ewlieni Eżekuttiv li jkun responsabbli lejn il-President u l-Bord u li jkun maħtur għal perjodu ta' mhux inqas minn tliet snin taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kif stabbiliti fl-ittra tal-ħatra tiegħu. Meta jagħlqilha ż-żmien tal-kariga, persuna tista' terġa tinħatar għal perjodu jew perjodi ulterjuri.

(5) Is-seduti tal-Bord jitlaqqgħu mill-President, sew fuq inizjattiva tiegħu sew fuq talba ta' xi tnejn mill-membri l-oħra.

(6) Nofs l-għadd ta' membri li f'dak il-waqt jikkostitwixxu l-Bord jagħmlu *quorum*. Id-deċiżjonijiet ikunu adottati waqt seduta li fiha jkun hemm *quorum* b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti u votanti. Il-President għandu jkollu vot bħal kulħadd u, f'każ ta' voti ndaqs, vot deċiżiv.

(7) Membru li jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt jew f'xi azzjoni oħra magħmulin jew proposti li jsiru mill-Aġenzija, meta jkun hemm tali interess, għandu jiżvela ix-xorta tal-interess tiegħu fl-ewwel seduta tal-Bord wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti. Dak il-kxif għandu jitniżżel fil-minuti tas-seduta, u tali membru għandu jirtira minn seduta filwaqt li dik il-kwistjoni tkun qegħda tiġi diskussa jew deċiża mill-Bord.

(8) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Bord jista' jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

(9) Dokument li jġiegħlek taħseb li jkun istrument magħmul jew maħruġ mill-Aġenzija u ffirmat mill-President f'isimha għandu jiġi riċevut bi prova u għandu, sakemm ma tingħiebx prova kuntrarja, jitqies bħala istrument magħmul jew maħruġ mill-

Aġenzija.

Strateġija Nazzjonali dwar il-Patrimonju Kulturali. *Enumerat/ Emendat: XIX.2019.9; XLI. 2021.6.*

10. (1) Il-Ministru għandu jipprepara dokument ta' politika li jkun jagħti ħjiel fuq Strateġija Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali. Fit-tħejjija ta' dak id-dokument il-Ministru għandu jikkonsulta l-Entitajiet kollha mwaqqfa taħt dan l-Att u dawk l-aġenziji l-oħra, sew pubbliċi sew xort'oħra, li l-Ministru jista' jqis li għandhom jiġu kkonsultati. Il-Ministru għandu jpoġġi dan id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra hekk kif ikun lest, u l-Kamra għandha tiddedika seduta waħda għad-diskussjoni.

(2) Il-Ministru għandu jirrevedi l-imsemmija strateġija kemm jista' jkun meħtieġ, u fi kwalunkwe każ mhux inqas minn darba kull għaxar (10) snin.

Relazzjonijiet mal-Ministru.

(3) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att, is-Sovrintendenza u l-Aġenzija għandhom:

(*a*) jagħtu effett, kemm jista' jkun malajr, lil xi direzzjoni, li ma tkunx inkonsistenti ma' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, li l-Ministru jista' jagħti lis-Sovrintendenza u lill-Aġenzija b'rabta mal-prattika li għandha tiġi segwita minnhom fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, u dwar kull ħaġa li l-Ministru jidhirlu li tista' taffettwa l-patrimonju kulturali;

(*b*) jagħtu lill-Ministru l-faċilitajiet biex jikseb kull informazzjoni dwar il-proprjetà u l-attivitajiet tas-Sovrintendenza u l-Aġenzija u għal dan il-għan is-Sovrintendenza u l-Aġenzija għandhom, kull waħda, ifornu lill-Ministru bi prospetti, kontijiet u informazzjoni oħra fir-rigward tal-funzjonijiet, u jagħtu faċilitajiet għall-verifikazzjoni ta' kull informazzjoni mogħtija, b'tali mod u f'tali żminijiet li l-Ministru jista' jeħtieġ.

Kumitat Tekniku Nazzjonali tal-Wirt Dinji. *Miżjud: XLI. 2021.7.*

10A. (1) Għandu jkun hemm Kumitat Tekniku Nazzjonali tal-Wirt Dinji li jkun magħmul kif ġej:

(*a*) Chairperson maħtur mill-Ministru;

(*b*) is-Sovrintendent *ex officio,* jew rappreżentant;

(*ċ*) l-Uffiċjal Ewlieni Eżekuttiv tal-Aġenzija *ex officio*, jew rappreżentant;

(*d*) id-Direttur tad-Direttorat tar-Restawr *ex officio,* jew rappreżentant;

(*e*) rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar;

(*f*) rappreżentant tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi; u

(*g*) tliet (3) membri oħra maħtura mill-Ministru minn fost entitajiet li jaħdmu fil-qasam tas-Siti tal-Wirt Dinji.

(2) Iċ-Chairperson tal-Kumitat Tekniku u l-membri msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet (3) snin u jistgħu jerġgħu jinħatru għal perjodi oħra ta' tliet (3) snin kull wieħed.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għal dawk il-proċeduri li jistgħu jiġu preskritti, il-Kumitat Tekniku għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess jew hekk kif provdut fil-paragrafu (j) tal-artikolu 72.

(4) Il-Kumitat Tekniku għandu: Funzjonijiet tal-Kumitat Tekniku.

(*a*) jiżgura u jiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet differenti b'responsabbiltà diretta jew indiretta għall-protezzjoni u l-immaniġġjar tas-Siti tal-Wirt Dinji tal-Gżejjer Maltin;

(*b*) jagħti pariri lill-Ministru u lill-Gvern dwar kwalunkwe kwistjoni li taffettwa s-Siti tal-Wirt Dinji u dwar kwalunkwe kwistjoni oħra riferuta lilu mill-Ministru, u sussegwentement jiżgura l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa kif adottati mill-Gvern u kif diretti mill-Ministru;

(*ċ*) jiġbed l-attenzjoni tal-Gvern jew ta' kwalunkwe entità, organizzazzjoni jew persuna għal kwalunkwe azzjoni urġenti li tista' tkun meħtieġa fir-rigward ta' Siti tal-Wirt Dinji; u

(*d*) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jikkoordina tweġiba għall-UNESCO dwar kwistjonijiet li jaffettwaw is-Siti tal-Wirt Dinji.

11. Is-Sovrintendenza u l-Aġenzija jkunu eżenti mir-responsabbiltà li jħallsu kull taxxa, minbarra d-dazju tad-dwana jew tas-sisa, li f'dak il-waqt ikunu fis-seħħ f'Malta. Eżenzjoni minn xi taxxi. *Enumerat/ Emendat: XIX.2019.10; XLI. 2021.8.*

12. (1) Għandu jkun hemm Kunsill Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali li għandu jkun magħmul kif ġej: Kunsill Nazzjonali għall- Patrimonju Kulturali. *Enumerat/ Emendat: XIX.2019.11. Sostitwit: XLI. 2021.9.*

(*a*) Chairperson maħtur mill-Ministru;

(*b*) persuna maħtura mill-Ministru responsabbli għat-turiżmu;

(*ċ*) persuna maħtura mill-Ministru responsabbli għal Għawdex;

(*d*) persuna maħtura mill-Ministru responsabbli għall-proprjetà tal-gvern;

(*e*) is-Sovrintendent *ex officio*;

(*f*) il-President tal-Aġenzija *ex officio*;

(*g*) iċ-Chairperson tal-Awtorità tal-Ippjanar *ex officio*;

(*h*) iċ-Chairperson tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi;

(*i*) id-Direttur tad-Direttorat tar-Restawr;

(*j*) membru tal-Kummissjoni għall-Patrimonju Kulturali Kattoliku msemmija fl-artikolu 69 li jinħatar mill-awtorità ekklesjastika lokali kompetenti; u

(*k*) erba' (4) persuni oħra maħtura mill-Ministru, tlieta (3) minn fost persuni li jaħdmu fil-qasam tal-patrimonju

kulturali u f'organizzazzjonijiet mhux governattivi dedikati għall-patrimonju kulturali u persuna oħra attiva fil-qasam kummerċjali.

(2) Iċ-Chairperson tal-Kunsill u l-membri msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet (3) snin u jistgħu jerġgħu jinħatru għal perjodi oħra ta' tliet (3) snin kull wieħed.

(3) Il-Kunsill għandu jiltaqa' mill-inqas darba kull xahrejn. Il-laqgħat tiegħu għandhom jissejħu miċ-Chairperson jew fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba ta' kwalunkwe tlieta (3) mill-membri l-oħra.

(4) Ħames (5) membri għandhom jiffurmaw *quorum* u d-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati minn maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri kollha tal-Kusill. Iċ-Chairperson għandu jkollu vot inizjali u, fil-każ li jkun hemm voti ndaqs, vot deċiżiv.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għal dawk il-proċeduri li jistgħu jiġu preskritti, il-Kunsill għandu jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

Funzjonijiet tal-Kunsill.

(6) Il-Kunsill għandu:

(*a*) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jikkoordina l-entitajiet imwaqqfa taħt l-artikoli 7 u 8;

(*b*) jiżgura u jiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn l-aġenziji differenti b'responsabbiltà diretta jew indiretta għall-protezzjoni u amministrazzjoni tas-settur tal-patrimonju kulturali;

(*ċ*) jagħti pariri lill-Gvern fuq l-Istrateġija Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali u sussegwentement jissorvelja u jsegwi l-implimentazzjoni tal-istrateġija kif adottata mill-Gvern u kif diretta mill-Ministru;

(*d*) jiġbed l-attenzjoni tal-Gvern jew ta' kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna dwar kwalunkwe azzjoni urġenti li tista' tkun meħtieġa fil-qasam tal-patrimonju kulturali;

(*e*) jiltaqa' regolarment u jikkonsulta, mill-inqas, kull erba' (4) xhur, mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jkunu qegħdin joperaw fil-qasam tal-patrimonju kulturali u mal-persuni li joperaw fis-settur kummerċjali;

(*f*) jagħti pariri lill-Ministru fuq kull ħaġa li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u fuq kull ħaġa oħra li tiġi lilu riferuta mill-Ministru.

(7) Kwalunkwe membru li jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt jew f'xi azzjoni oħra magħmula jew proposta li ssir mill-Kunsill, għandu jiżvela x-xorta tal-interess tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti. Dan l-iżvelar għandu jitniżżel fil-minuti tal-laqgħa u tali membru għandu jirtira mil-laqgħa

waqt li dak il-kuntratt jew azzjoni tkun qiegħda tiġi diskussa jew deċiża mill-Kunsill.

Fond dwar il-Patrimonju Kulturali. *Enumerat: XIX.2019.12.*

13. (1) Ikun hemm Fond li jkun magħruf bħala l-Fond dwar il-Patrimonju Kulturali, li jkunu korp magħqud b'personalità ġuridika distinta, u li jirċievi u jamministra l-ammonti ta' flus kollha mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi Att ieħor, kif ukoll flejjes oħra jew oġġetti oħra mobbli jew immobbli li jistgħu jiġu mogħtijin b'rigal minn sorsi mhux governattivi.

(2) Il-Fond ikun amministrat mill-Kunsill.

(3) L-ammonti ta' flus fil-Fond jistgħu unikament jintużaw għal skopijiet ta' riċerka, konservazzjoni jew restawr tal-patrimonju kulturali.

(4) Għandha tiġi ppreżentata lill-Ministru dikjarazzjoni annwali tal-amministrazzjoni tal-Fond li titqiegħed minnu fuq il-Mejda tal-Kamra.

Forum nazzjonali. *Enumerat/ Emendat: XIX.2019.13.*

14. (1) Il-Ministru għandu, darba fis-sena jlaqqa' Forum Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali fejn jistieden il-parteċipazzjoni fiha tas-Sovrintendenza, l-Aġenzija, il-Kunsill, il-Kummissjoni għall-Patrimonju Kulturali Kattoliku, l-Kummissjonijiet għall-Patrimonju Kulturali Reliġjuż, jekk ikun hemm, dipartimenti u entitajiet oħra tal-Gvern, is-Sindki ta' kull Kunsill Lokali jew organizzazzjonijiet mhux governattivi li jkunu qegħdin jirrappreżentawhom li jkunu reġistrati mas-Sovrintendenza bħala organizzazzjonijiet li għandhom bħala skop il-protezzjoni tal-patrimonju kulturali, l-Università ta' Malta, istituzzjonijiet edukattivi oħra, speċjalisti, konsulenti, rappreżentanti tas-settur kummerċjali, u kull parti oħra li turi lill-Ministru bil-miktub li għandha interess.

(2) Il-President tal-Forum jinħatar mill-Ministru.

(3) Il-Forum jiddiskuti l-istat tal-patrimonju kulturali b'mod ġenerali wara li jisma rapport dwaru li jitħejja mis-Sovrintendent.

(4) Il-Ministru għandu jirregola l-proċeduri tal-Forum.

(5) Il-proċeduri tal-Forum għandhom ikunu ppubblikati u mibgħuta lill-Ministru u lill-Kunsill;

(6) Il-Ministru għandu jagħti avviż pubbliku bil-quddiem xahar qabel ma jiltaqa' l-Forum.

TAQSIMA IV

DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI U DWAR IL-PERSUNAL

Ħatriet ta' persunal. *Enumerat/ Emendat: XIX.2019.14.*

15. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra inkluż dan l-Att li tapplika dwar dan, il-ħatra ta' uffiċjali u ta' impjegati oħra ta' Entitajiet għandha ssir mis-Sovrintendent fil-każ tas-Sovrintendenza, mill-President tal-Bord ta' Diretturi fil-każ tal-Aġenzija, mill-President tal-Bord ta' Gvernaturi fil-każ taċ-Ċentru, jew tal-Fond. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-impieg għandhom ikunu deċiżi minn kull Entità bl-approvazzjoni tal-Ministru.

Ħatrqa u funzjonijiet tal-uffiċjali u l-impjegati.

(2) Kull Entità għandha taħtar u timpjega, b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet bħalma tista' skont subartikolu (1) tiddeċiedi, lil dawk l-uffiċjali u impjegati li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa għat-twettiq kif dovut u effiċjenti tal-funzjonijiet tagħha.

Trasferiment ta' uffiċjali pubbliċi. *Enumerat: XIX.2019.15.*

16. (1) Il-Prim Ministru jista', fuq talba ta' xi Entità, minn żmien għal żmien jordna li uffiċjal pubbliku jiġi mqabbad jaqdi dmirijiet mal-Entità f'dik il-kariga u minn dik id-data li tista' tkun speċifikata fl-ordni.

(2) Il-perjodu li matulu ordni kif hawn aktar qabel imsemmi għandu japplika għal xi uffiċjal speċifikat fiha għandu, kemm-il darba l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku, jew jekk xort'oħra jtemm milli jibqa' fil-kariga f'data li tiġi qabel, jkun dak li jista' jiġi speċifikat fl-ordni, kemm-il darba l-ordni ma tiġix revokata qabel mill-Prim Ministru.

Status ta' uffiċjali pubbliċi.

(3) Meta xi uffiċjal jiġi mqabbad jaqdi dmirijiet ma' xi Entità skont dan l-Artikolu, dak l-uffiċjal għandu fiż-żmien li matulu dak l- ordni ikollu effett dwaru, jkun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Entità imma għal kull skop ieħor għandu jibqa' u jitqies u jkun ittrattat bħala uffiċjal pubbliku.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, uffiċjal pubbliku mqabbad jaqdi dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmija -

(*a*) m'għandux filwaqt li dak l-uffiċjal ikun hekk imqabbad jagħmel -

(i) ikun prekluż milli japplika għal trasferiment għal xi dipartiment tal-Gvern skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' servizz marbuta mal-ħatra mal-Gvern li dak l-uffiċjal pubbliku kellu f'data meta jkun ġie mqabbad jaqdi dmirijiet; jew

(ii) ikun hekk impjegat li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet ta' servizz jkunu inqas favorevoli minn dawk marbuta mal-ħatra mal-Gvern li kellu dak l-uffiċjal pubbliku fid-data meta jkun ġie mqabbad jaqdi dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmi jew li kienu jkunu marbuta ma' dik il-ħatra, matul il-perjodu msemmi, li kieku dak l-uffiċjal ma jkunx ġie mqabbad jaqdi dmirijiet mal-Entità; u

(*b*) ikollu jedd li jkollu s-servizz tiegħu mal-Entità meqjus bħala servizz mal-Gvern għall iskop ta' kull pensjoni, gratwità jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, u ta' kull dritt jew privileġġ ieħor li dak l-uffiċjal pubbliku jkun intitolat għalih, u jkun responsabbli għal dak kollu li jkun responsabbli għalih, ħlief għall-fatt li jkun qiegħed jigi mqabbad jaqdi dmirijiet mal-Entità.

Kap. 93.
Kap. 58.

(5) Meta ssir applikazzjoni kif hemm provdut fis-subartikolu (4)(*a*)(i), għandha tingħata l-istess konsiderazzjoni għal dan daqslikieku l-applikant ma kienx ġie mqabbad jaqdi dmirijiet mal-

Entità.

(6) Kull Entità għandha tħallas lill-Gvern, fejn dan japplika, dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu deċiżi mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa tal-pensjonijiet u gratwitajiet li jinqalgħu minn uffiċjal imqabbad jaqdi dmirijiet ma' dawk l-Entitajiet kif hawn aktar qabel imsemmija matul il-perjodu li fih dak l-uffiċjal ikun hekk imqabbad jagħmel.

Offerti ta' impieg permanenti lil uffiċjali pubbliċi mqabbda jaqdu dmirijiet mal-Entitajiet. *Enumerat/ Emendat: XIX.2019.16.*

17. (1) Kull Entità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil xi uffiċjal mqabbad jaqdi dmirijiet ma' dawk l- Entitajiet taħt xi dispożizzjoni tal-artikolu 16 impieg permanenti magħha b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk gawduti minn dak l-uffiċjal fid-data ta' dik l-offerta.

(2) Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jkun hemm f'xi offerta magħmula kif hawn aktar qabel imsemmi m'għandhomx ikunu hekk li jitqiesu li jkunu inqas favorevoli għaliex biss ma jkunux f'kull rigward identiċi ma' jew superjuri għal dawk gawduti mill-uffiċjal involut fid-data ta' dik l-offerta, jekk dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet, kollha flimkien, fil-fehma tal-Prim Ministru jkunu joffru benefiċċji sostanzjalment ekwivalenti jew ikbar.

(3) Kull uffiċjal li jaċċetta impieg permanenti ma' xi Entità, taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), għandu għall-finijiet kollha li ma jkunx dawk tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, jitqies li jkun temm li jkun fis-servizz tal-Gvern u li jkun daħal għas-servizz mal-Entità fid-data ta' dik l-aċċettazzjoni u għall-finijiet tal-imsemmija Ordinanza u tal-imsemmi Att, sakemm dawn japplikaw għal dak l-uffiċjal, servizz ma' dik l-Entità għandu jitqies li jkun servizz mal-Gvern fil-parametri tat-tifsiriet tagħhom rispettivament.

Kap. 93.
Kap. 58.

(4) Kull tali uffiċjal kif hawn aktar qabel imsemmi li minnufih qabel ma jaċċetta impieg permanenti mal-Entità kellu jedd li jibbenefika taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, għandu jibqa' hekk intitolat li jibbenefika kif hawn iktar qabel indikat għal kull fini bħallikieku s-servizz mal-Entitajiet kien servizz mal-Gvern.

(5) Kull Entità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu deċiżi mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa ta' pensjonijiet u gratwitajiet li jinqalgħu minn uffiċjal li jkun aċċetta impieg permanenti magħha kif hawn aktar qabel imsemmi matul il-perjodu li jibda għaddej fid-data meta dak l-uffiċjal jaċċetta.

(6) (*a*) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-karigi u gradi ta' salarji mal-Entitajiet għandhom ikun kklassifikati fil-gradi li l-aktar jikkorrispondu fil-viċin u livelli inkrimentali fis-servizz mal-Gvern ta' Malta b'riferenza għal job description, kapaċitajiet, responsabbiltajiet u fatturi oħra analogi.

(*b*) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (*a*) għandha ssir mill-Bord magħmul minn President maħtur mill-Ministru responsabbli għall-finanzi u żewġ membri

oħra, wieħed maħtur mill-Ministeru responsabbli ċentralment għall-politka dwar il-persunal fis-servizz pubbliku u l-ieħor maħtur mill-Entità rilevanti. Il-klassifikazzjoni tkun bla ħsara għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(*ċ*) Dik il-klassifika għandha ssir fi żmien tliet xhur minn kull aġġustament ta' salarji tal-impjegati fis-servizz tal-Gvern, u, jew, tal-impjegati ta' xi Entità.

(*d*) Ebda kariga m'għandha tkun ikklassifikata fi grad ogħla minn dak ta' grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew dak il-grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta jiddeċiedi.

(*e*) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, ħadd ma jista', minħabba fi klassifikazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmi, jkun intitolat għal drittijiet taħt l-imsemmija Ordinanza dwar il-Pensjonijiet li jkunu inqas favorevoli minn dawk li dwarhom dik il-persuna kienet tkun intitolata qabel dik il-klassifikazzjoni.

TAQSIMA V

DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

L-Entitajiet iħallsu l-infieq mid-dħul. *Enumerat: XIX.2019.17.*

18. (1) Mingħajr preġudizzju għal dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, l-Entitajiet għandhom hekk imexxu l-affarijiet tagħhom li n-nefqa meħtieġa għat-twettiq adatt tal-funzjonijiet tagħhom għandha, skont kemm ikun prattiku, titħallas mid-dħul tagħhom.

(2) Għal dak l-għan kull Entità għandha tiġbor dawk id-drittijiet, rati u ħlasijiet oħra preskritti jew li jitqiesu li jkun preskritti minn jew taħt dan l-Att jew kull liġi oħra.

(3) Kull Entità għandha wkoll titħallas mingħand il-Gvern mill-Fond Konsolidat dawk l-ammonti ta' flus li l-Kamra tista' minn żmien għal żmien tawtorizza li għandhom jiġu approprjati biex minnhom jitħallsu l-ispejjeż ta' xi xogħlijiet speċifikati sabiex dawn jitkomplew jew xort'oħra jsiru minnha, li jkunu xogħlijiet ta' infrastruttura jew ta' xorta kapitali simili, jew biex minnhom titħallas kull spiża li jista' jkollha u li ma tkunx tista' tħallas mid-dħul tagħha.

(4) Kull eċċess ta' dħul fuq l-infieq għandu, bla ħsara għal dawk id-direttivi li l-Ministru, wara li jikkonsulta lill-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' minn żmien għal żmien jagħti, jkun applikat minn kull Entità għal kull formazzjoni ta' fondi ta' riserva li jiġu użati għall-finijiet tagħha, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-poteri mogħtija lill-Ministru b'dan is-subartikolu, kull ordni mogħtija mill-Ministru kif hawn aktar qabel imsemmi tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern, jew l-applikazzjoni b'dak il-mod kif jista' jkun speċifikat fl-ordni, ta' xi parti tad-drittijiet, rati u ħlasijiet oħra miġbura skont subartikolu (2) jew xi eċċess bħal dak kif hawn aktar qabel imsemmi.

(5) Il-fondi ta' xi Entità li ma jkunux minnufih meħtieġa biex minnhom issir in-nefqa jistgħu jkunu investiti b'dak il-mod li jista' minn żmien għal żmien ikun approvat mill-Ministru.

Poter ta' self ta' kapital. *Emendat: A.L. 426 tal-2007; Enumerat/ Emendat: XIX.2019.18; XLI. 2021.10.*

19. (1) Għall-finijiet ta' kull ħtieġa ta' xorta kapitali, Entità tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru f'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tissellef jew tikseb flus b'dak il-mod, mingħand dik il-persuna, korp jew awtorità, u taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru, wara konsultazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmi, jista' japprova bil-miktub.

(2) Entità tista' wkoll minn żmien għal żmien tissellef, b'overdraft jew xort'oħra, dawk l-ammonti li tista' teħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att:

Iżda għal kull ammont li jeċċedi mitejn u ħamsin elf euro (€250,000), tenħtieġ l-approvazzjoni tal-Ministru bil-miktub.

Flus li jingħataw bil-quddiem mill-Gvern. *Enumerat: XIX.2019.19*

20. Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara li jikkonsulta lill-Ministru, jgħaddi flus bil-quddiem lil xi Entità ta' dawk l-ammonti li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jaqbel li jkunu meħtieġa minn dik l-Entità għat-twettiq ta' xi funzjoni tagħha taħt dan l-Att, u jista' jgħaddi dawk il-flus bil-quddiem b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmi, jidhirlu li jkun xieraq. Kull flus hekk mgħoddija bil-quddiem jistgħu jiġu ordnati mill-Ministru responsabbli għall-finanzi mill-Fond Konsolidat, u mingħajr ebda approprjazzjoni ulterjuri ħlief għal dan l-Att, b'*warrant*, li jawtorizza lill-*Accountant General* li jgħaddi dawk il-flus bil-quddiem.

Tislif mingħand il-Gvern. *Enumerat: XIX.2019.19*

21. (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', għal kull ħtieġa ta' xorta kapitali ta' xi Entità, jikkuntratta jew jagħmel flus disponibbli, jew jidħol f'passiv, għal dawk il-perjodi u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jqis li jkunu xierqa; u kull ammont dovut dwar jew f'konnessjoni ma' xi tali self jew passività jkun nefqa fuq il-Fond Konsolidat.

(2) Avviż dwar kull self, passività jew flus li jingħataw bil-quddiem, li jsiru jew jiġu magħmulin taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom jiġu mogħtija mill-Ministru lill-Kamra kemm jista' jkun malajr.

(3) Sakemm isir disponibbli xi self bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1), jew bil-għan li Entità tiġi pprovduta b'kapital attiv, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', b'ordni, u mingħajr ebda approprjazzjoni ulterjuri ħlief għal dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant General* li jgħaddilha flus bil-quddiem mit-*Treasury Clearance Fund* taħt dawk il-pattijiet li jistgħu jkunu speċifikati mill-Ministru malli dan isir.

(4) Ir-rikavat ta' xi self li jsir disponibbli għall-finijiet li jingħataw flus bil-quddiem lil xi Entità u kull ammont ta' flus ieħor li jkun se jingħadda lil xi Entità taħt dan l-artikolu, għandu jitħallas lil dak il-Fond.

(5) Ammonti ta' flus li l-*Accountant General* jirċievi mingħand xi Entità dwar flus li jingħatawlha bil-quddiem taħt subartikolu (3) għandhom jitħallsu, dwar xi ammonti li jiġu riċevuti bħala ħlas lura fit-*Treasury Clearance Fund* u, dwar ammonti li jiġu riċevuti bħala mgħax fil-Fond Konsolidat.

Estimi tal-Entitajiet. *Enumerat: XIX.2019.19*

22. (1) Kull Entità għandha tara li tiġi mħejjija f'kull sena finanzjarja, u m'għandhiex iktar tard minn tmien ġimgħat qabel tmiem kull sena finanzjarja tadotta, estimi tad-dħul u nfieq tagħha għas-sena finanzjarja li tiġi minnufih wara:

Iżda l-estimi ta' xi Entità għall-ewwel sena finanzjarja tagħha għandu jitħejja u jiġi adottat f'dak iż-żmien li l-Ministru jista' b'avviż bil-miktub jispeċifika lill-Entità.

(2) Fit-tħejjija ta' dawk l-estimi, Entità għandha tqis kull fond u flus oħra li jistgħu jkunu dovuti li jitħallsu lilha mill-Fond Konsolidat matul is-sena finanzjarja rilevanti, jew bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' Att ta' approprjazzjoni jew ta' kull liġi oħra; u għandha hekk tħejji dawl l-estimi b'mod li tiżgura li kull dħul totali tagħha jkun mill-inqas suffiċjenti biex minnu jinħarġu l-ammonti ta' flus kollha li għandhom jitħallsu kif dovut fil-kont tad-dħul tagħha inklużi, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dik il-frażi, id-deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dawk is-suriet u jkun fihom dik l-informazzjoni u dawk il-paraguni mal-estimi ta' qabel hekk kif il-Ministru jista' jordna.

(4) Kopja tal-estimi għandha, meta dawn jiġu adottati minn Entità, jintbagħtu minnufih mill-Entità lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(5) Il-Ministru għandu, mal-ewwel opportunità li jkollu u mhux iktar tard minn sitt ġimgħat wara li jkun irċieva kopja tal-estimi tal-Entitajiet, jew, jekk jiġri li l-Kamra ma tkunx qegħda f'sessjoni, fi żmien sitt ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li tiġi minnufih wara, jara li dawk l-estimi li jkun qiegħed quddiem il-Kamra flimkien ma' mozzjoni li l-Kamra tapprova dawk l-estimi. M'għandhiex tingħata iktar minn seduta waħda biex isir dibattitu fil-Kamra dwar dik il-mozzjoni u sew il-mozzjoni sew l-approvazzjoni tal-estimi mill-Kamra jista' jkun fihom jew ma jkunx fihom emendi għall-estimi.

In-nefqa skont l-estimi approvati. *Enumerat/ Emendat XIX.2019.20*

23. (1) M'għandha ssir jew tiġġarrab ebda nefqa minn Entità kemm-il darba din ma tkunx ġiet approvata mill-Kamra kif provdut fl-artikolu 22.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) -

(*a*) sa l-iskadenza ta' sitt xhur mill-bidu ta' xi sena finanzjarja, jew sakemm issir l-approvazzjoni tal-estimi għal dik is-sena mill-Kamra, skont liema data tiġi l-ewwel, Entità tista' tagħmel jew iġġarrab in-nefqa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att f'ammont li b'kollox ikun ta' mhux iżjed minn nofs l-ammont approvat għas-sena finanzjarja li tiġi minnufih qabel;

(*b*) in-nefqa approvata għar-rigward ta' xi kap jew sotto-

kap tal-estimi tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, tiġġarrab dwar xi kap jew sotto-kap ieħor tal-estimi;

(*ċ*) dwar l-ewwel sena finanzjarja, Entità tista' tagħmel jew iġġarrab in-nefqa sakemm l-approvazzjoni tal-estimi għal dik is-sena mill-Kamra f'dak li ammont li b'kollox ma ikun ta' mhux iżjed minn kemm il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara li jikkonsulta lill-Ministru, jippermetti;

(*d*) jekk dwar xi sena finanzjarja jinsab li l-ammont approvat mill-Kamra ma jkunx suffiċjenti, jew jekk tqum neċessità li ssir nefqa għal xi għand li ma jkunx hemm provdut dwarha fl-estimi, Entità tista' tadotta estimi supplementari għall-approvazzjoni tal-Kamra u sakemm tingħata dik l-approvazzjoni, dik l-Entità tista' f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tal-Ministru, iġġarrab in-nefqa relattiva jew parti minnha kif dak il-Ministru jista' hekk japprova, u f'kull każ bħal dak id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li japplikaw għall-estimi għandhom, skont kemm ikun prattiku, japplikaw għall-estimi supplimentari.

Pubblikazzjoni tal-estimi approvati. *Enumerat: XIX.2019.21.*

24. Kull estimi u estimi supplementari approvati mill-Kamra għandhom, kemm jista' jkun malajr, jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

Kontijiet u verifika. *Enumerat/ Emendat: XIX.2019.22.*

25. (1) Kull Entità għandha tara li jinżammu kotba ta' kontijiet u reġistrazzjonijiet oħra kif imiss dwar l-operazzjonijiet tagħha u għandu jara li titħejja dikjarazzjoni ta' kontijiet dwar kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet ta' kull Entità għandhom ikun verifikati minn awditur jew awdituri li jinħatru minnha u li jkunu approvati mill-Ministru:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jeħtieġ li l-kotba u reġistrazzjonijiet oħra ta' xi Entità jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li għal dan l-għan ikollu poter li jagħmel dik il-verifika fiżika u kull verifika oħra, u jista' jkun jeħtieġ dik l-informazzjoni, hekk kif l-Awditur Ġenerali jista' jqis li tkun meħtieġa.

(3) Wara tmiem kull sena finanzjarja, fl-istess ħin li kopja tal-estimi ta' xi Entità tintbagħat lill-Ministru taħt l-artikolu 22, l-Entità għandha tara li kopja tad-dikjarazzjoni ta' kontijiet verifikata kif imiss tkun mibgħuta lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi flimkien mal-kopja ta' kull rapport magħmul mill-awditur jew awdituri dwar dik id-dikjarazzjoni jew dwar il-kontijiet tal-Entità.

(4) Il-Ministru għandu jara li kopja ta' kull dikjarazzjoni u rapport bħal dawk jitqiegħdu quddiem il-Kamra flimkien mal-mozzjoni li titqiegħed quddiem il-Kamra taħt l-artikolu 22(5).

Depożitu ta' kull dħul u ħlas mill-Entitajiet. *Enumerat: XIX.2019.23.*

26. (1) Il-flejjes kollha ta' xi Entità għandhom jitqegħdu f'bank jew banek li jinħatru bankiera minnha. Dawk il-flejjes għandhom, skont kemm ikun prattiku, jitqiegħdu fil-banek minn

jum għall-ieħor, ħlief għal dak l-ammont li l-Entità tista' teħtieġ li żżomm biex tħallas minnha nefqiet żgħar u ta' minnufih.

(2) Il-ħlasijiet kollha li jsiru mill-fondi ta' kull Entità, ħlief għal nefqiet żgħar ta' mhux iżjed minn dak l-ammont li jista' jkun iffissat minn kull Entità rispettiva bl-approvazzjoni tal-Ministru, għandhom isiru minn dak l-uffiċjal jew uffiċjali ta' dik l-Entità li jistgħu jiġu maħtura jew imsemmija għal dak l-iskop.

(3) Ċekkijiet li jirrigwardaw u rtirat ta' flejjes minn xi kont tal-bank ta' xi Entità għandhom ikunu ffirmati minn dak l-uffiċjal ta' dik l-Entità li jista' jiġi maħtur jew imsemmi minn dik l-Entità għal dak l-għan u għandu jġib il-kontrofirma tal-membru jew uffiċjal awtorizzat ta' dik l-Entità kif jista' jkun awtorizzat minn dik l-Entità għal dak l-għan.

(4) Kull Entità għandha wkoll tipprovdi dwar -

(*a*) il-mod li bih u l-uffiċjal jew uffiċjali li għandhom jawtorizzaw jew japprovaw il-ħlasijiet;

(*b*) it-titolu ta' xi kont li jinżamm fil-bank jew banek fejn għandhom jitħallsu l-flejjes tagħha, u t-trasferiment ta' fondi minn kont għall-ieħor;

(*ċ*) il-metodu li għandu jiġi adottat biex isiru ħlasijiet mill-fond tagħha; u

(*d*) b'mod ġenerali għar-rigward ta' kull ħaġa li hija rilevanti għaż-żamma kif imiss u l-kontroll tal-kontijiet, kotba u *records* oħra u l-kontroll tal-finanzi tagħha.

Kuntratti ta' provvista u ta' xogħlijiet. *Emendat: A.L. 426 tal-2007. Sostitwit: XIX.2019.24.*

27. Kull entità għandha timxi mar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku.

Rapport annwali. *Sostitwit: XIX.2019.25.*

28. Kull Entità għandha, mhux aktar tard minn tmien ġimgħat wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, tagħmel u tibgħat lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi rapport li jittratta b'mod ġenerali l-attivitajiet tagħha matul dik is-sena finanzjarja u li jkun fih dik l-informazzjoni dwar il-proċedimenti u l-politika tagħha, kif jista' minn żmien għal żmien jirrikjedi xi wieħed mill-Ministri msemmija. Il-Ministru għandu jara li kopja ta' kull wieħed minn dawn ir-rapporti titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra flimkien mal-estimi kif provdut fl-artikolu 22.

TAQSIMA VI

PROFESSJONISTI FIL-KONSERVAZZJONI

Kwalifiki għall-*warrant*. *Sostitwit: XIX.2019.26.*

29. (1) Ħadd ma jista' jeżerċita l-professjoni ta' Konservatur-Restawratur sakemm ma jkunx detentur ta' *warrant* taħt l-artikolu 31.

(2) Persuna ma għandhiex tikkwalifika għall-għoti ta' *warrant* sakemm -

(*a*) m'hijiex ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, jew ta' pajjiż fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew inkella mhix permessa li taħdem f'Malta skont xi liġi;

(*b*) mhix ta' kondotta u reputazzjoni tajba;

(*ċ*) m'għandhiex kapaċità legali sħiħa; u

(*d*) ma tissodisfax lill-Bord li -

(i) għandha l-kwalifiki akkademiċi miksuba wara t-tlestija b'suċċess ta' studji f'livell terzjarju, ta' tul, b'kollox, ta' mill-inqas ħames snin *full-time*, jew perjodu ekwivalenti ta' ħin *part-time*, inkluż kors ta' sentejn *full-time* fil-konservazzjoni-restawr fis-seba' Livell ta' Qafas ta' Kwalifika ta' Malta jew l-ekwivalenti kif offrut minn dik l-università jew istituzzjoni akkademika, kif jista' jiġi rikonoxxut mill-Bord:

Iżda l-kwalifika ta' Baċċellerat fl-Istudji ta' Konservazzjoni u Restawr (Honours) mill-Università ta' Malta bejn is-snin 2003 u 2014 għandha titqies, għall-finijiet ta' din it-Taqsima tal-Att, li tissodisfa r-rekwiżit għal kwalifiki skont dan is-subparagrafu:

Iżda wkoll fil-każ ta' individwi mħarrġa fil-konservazzjoni-restawr f'pajjiżi oħra fejn it-taħriġ offrut ma jwassalx għal-livell ta' kwalifiki akkademiċi msemmija f'dan is-subparagrafu, l-individwu kkonċernat għandu jippreżenta din l-informazzjoni, flimkien ma' kull evidenza ta' taħriġ jew apprendistati fil-konservazzjoni-restawr, magħmula mill-individwu, lill-Bord u għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Bord biex jevalwa jekk l-individwu laħaqx livell adegwat ta' taħriġ fil-konservazzjoni-restawr; u

(ii) għal perijodu ta' mhux anqas minn sentejn wara li kisbet il-kwalifiki akkademiċi msemmija fis-subparagrafu (i), hija wettqet prattika ta' konservazzjoni-restawr taħt is-superviżjoni ta' Konservatur-Restawtur awtorizzat, skont il-linji gwida maħruġa mill-Bord, jew ma' xi korp bħal dak rikonoxxut mill-Bord għal dak l-iskop:

Iżda għall-ewwel ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima tal-Att, il-prattika ta' konservazzjoni-restawr tista' titwettaq taħt is-superviżjoni ta' persuna jew persuni li fl-opinjoni tal-Bord ikollhom preparazzjoni akkademika kif imfissra fl-artikolu 29(2)(d)(i) u fil-konservazzjoni-restawr, li preċedentement kienu prattikaw fil-konservazzjoni-restawr għal mill-inqas ħames snin; u

(iii) ġiet ivvalutata kif xieraq mill-Bord f'valutazzjoni għal dak l-iskop wara li tkun ippreżentat evidenza ta' taħriġ akkademiku u

portafoll tal-ħidma tagħha lill-Bord, kif il-Bord jista' jistabbilixxi fil-proċeduri tiegħu stess:

Iżda meta t-tul tal-kors ta' studju li jwassal għall-kwalifiki akkademiċi huwa inqas mit-tul stipulat fis-subparagrafu (i), jew meta l-prattika ta' konservazzjoni-restawr hija inqas mir-rekwiżit ta' sentejn kif provdut fis-subparagrafu (ii), fejn l-applikant ikun ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea, il-Bord jista' jesiġih li jwettaq perijodu ta' adattament jew test tal-kapaċità f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki:

Kap. 451.

Iżda wkoll meta l-kwalifiki akkademiċi msemmija fis-subparagrafu (i) jinkisbu wara korsijiet akkademiċi *full-time* fil-konservazzjoni-restawr għal perijodu b'kollox ta' seba' snin, sas-seba' livell Ewropew ta' Kwalifiki jew ogħla u li fihom dak il-livell ta' taħriġ prattiku kif jista' jiġi approvat mill-Bord, il-kondizzjoni għal taħriġ sorveljat tista' titqies li tkun ġiet sodisfatta.

Ċirkostanzi speċjali. *Sostitwit: XIX.2019.27.*

30. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29, persuna tista' tingħata *warrant* jekk:

(*a*) għandha r-rekwiżiti elenkati fl-artikolu 29(2)(*a*), (*b*) u (*ċ*); u

(*b*) qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi, ipprattikat bħala Konservatur-Restawratur f'Malta jew fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea għal perjodu ta' mhux inqas minn għoxrin sena; u

(*ċ*) tissodisfa lill-Bord li hija tal-kompetenza u l-kapaċità akkademika rikjesta, abbażi ta' eżami tal-portafoll, flimkien ma' intervista u preżentazzjoni ta' kwalunkwe kwalifiki akkademiċi jew professjonali.

Għoti ta' *warrant* biex tiġi pprattikata l-professjoni ta' Konservatur-Restawratur. *Emendat: XXIII. 2009.126. Sostitwit: XIX.2019.28. Emendat: XXI tal-2020.*

31. (1) Il-*warrant* biex tiġi prattikata l-professjoni ta' Konservatur-Restawratur għandha tingħata mill-Bord u għandha tiġi ffirmata mill-President tal-Bord, lil kull persuna li tissodisfa l-ħtiġiet tal-artikoli 29 u 30. Id-deċiżjoni għandha tingħata fi żmien sitt xhur:

Iżda l-Bord, jista', għal raġunijiet ġustifikati, jestendi l-perjodu ta' sitt xhur b'avviż bil-miktub u jinforma lill-applikant b'din l-estensjoni.

(2) Detentur ta' *warrant* jista' juża d-denominazzjoni Konservatur-Resturatur ma' ismu.

(3) Persuna li jkollha *warrant* maħruġa skont dan l-artikolu għandha, barra minn hekk, ikollha ċertifikat wieħed jew aktar maħruġ

mill-Bord (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "ċertifikat prattikanti") sabiex tipprattika f'oqsma msemmija ta' Konsevazzjoni-Restawr kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru, u m'għandhiex tipprattika f'tali oqsma sakemm ma jkollhiex iċ-ċertifikat prattikanti relattiv.

(4) Kull detentur ta' *warrant* għandu jwettaq minimum ta' għoxrin (20) siegħa ta' żvilupp professjonali kontinwu kull sena:

Iżda jekk detentur ta' *warrant* ma jwettaqx in-numru ta' sigħat stabbilit, il-Bord għandu jissospendi l-*warrant* sakemm il-persuna turi għas-sodisfazzjon tal-Bord li r-rekwiżit ta' żvilupp professjonali kontinwu ġie sodisfatt.

Persuni oħra li jaħdmu ma' Konservaturi-Restawraturi. *Miżjud: XVIII. 2002.10. Sostitwit: XXIII. 2009.127. Emendat: XXXIV. 201610.* Kap. 451. *Sostitwit: XIX.2019.29; XLI. 2021.11.*

32. (1) Il-Bord għandu jirrikonoxxi r-reġistri, il-listi u d-direttorji miżmuma minn bordijiet ta' warrants oħra li jagħtu l-warrants lil persuni li jaħdmu ma' Konservaturi-Restawraturi. Il-persuni elenkati f'dawk ir-reġistri, listi u direttorji għandhom jissejħu "persuni elenkati".

(2) Il-Bord jista' jirreġistra persuna bħala persuna li għandha Ħila waħda tal-Patrimonju jew aktar:

Iżda l-Bord irid ikun sodisfatt li l-persuna li tapplika biex tkun hekk reġistrata hija mħarrġa jew esperjenzata b'mod xieraq u hija eliġibbli biex tikkwalifika u tkun reġistrata bħala persuna li għandha Ħila tal-Patrimonju skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Persuni reġistrati bħala persuni li għandhom Ħiliet tal-Patrimonju ma għandhomx iwettqu xogħol ta' konservazzjoni-restawr fuq patrimonju kulturali barra mill-qasam tagħhom ta' kompetenza:

Iżda persuni reġistrati bħala persuni li għandhom Ħiliet ta' Patrimonju għandhom biss jipprattikaw taħt is-superviżjoni ta' Konservatur-Restawratur li għandu warrant, meta jkunu qegħdin jaħdmu fuq patrimonju kulturali:

Iżda wkoll persuni elenkati u persuni reġistrati bħala li għandhom Ħila tal-Patrimonju iżda li ma għandhomx warrant ta' Konservaturi-Restawraturi ma għandhomx jitqiesu li jipprattikaw il-professjoni ta' Konservatur-Restawratur u ma għandhomx jitqiesu bħala Konservaturi-Restawraturi bil-warrant.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx jaffettwaw il-kuntratti, il-proġetti u x-xogħlijiet li jkunu bdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali.

Att Nru XLI tal-2021.

Warrant temporanju. Kap. 451. *Miżjud: XIX.2019.30.*

33. (1) Mingħajr ħsara għall-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 29 u 30, kwalunkwe persuna stabbilita fi Stat Membru ieħor tista' tipprattika l-professjoni ta' Konservatur-Restawratur f'Malta fuq bażi

temporanja u okkażjonali, jekk dik il-persuna:

(*a*) tkun legalment stabbilita fi Stat Membru ieħor bi skop li tipprattika l-professjoni ta' Konservatur-Restawratur f'dak l-Istat Membru; u

(*b*) tkun eżerċitat il-professjoni ta' Konservatur-Restawratur għal mill-inqas sena matul l-għaxar snin immedjatament preċedenti l-provvista ta' servizzi fejn il-professjoni ta' Konservatur-Restawtatur mhix regolata f'dak l-Istat Membru.

(2) Il-persuni msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jinfurmaw lill-Bord permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub li għandha ssir bil-quddiem, liema dikjarazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:

(*a*) dettalji ta' kopertura ta' assigurazzjoni jew mezzi oħra ta' protezzjoni personali jew kollettiva relattiva għar-responsabbiltà professjonali. Din id-dikjarazzjoni għandha ssir darba fis-sena jekk il-fornitur tas-servizz ikollu l-intenzjoni li jipprovdi servizzi temporanji jew okkażjonali matul is-sena;

(*b*) prova tan-nazzjonalità tal-fornitur tas-servizz;

(*ċ*) attestazzjoni li tiċċertifika li l-Konservatur-Restawratur huwa stabbilit legalment fi Stat Membru għall-iskop tat-twettiq tal-attivitajiet ikkonċernati u li mhuwiex ipprojbit milli jipprattika l-professjoni ta' Konservatur-Restawratur ukoll temporanjament, meta jikkonsenja l-attestazzjonijiet;

(*d*) evidenza ta' kwalifiki professjonali; u

(*e*) fejn applikabbli, kull mezz ta' prova li l-Konservatur-Restawratur ipprattika l-professjoni ta' Konservatur-Restawratur għal mill-inqas sena matul l-għaxar snin immedjatament preċedenti għall-provvista tas-servizzi.

Kap. 451.

(3) Mingħajr ħsara għall-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29, il-persuna li tapplika għal *warrant* temporanja tkun meħtieġa li tissottometti dikjarazzjoni skont is-subartikolu (2) u l-Bord għandu jiddetermina jekk dik il-persuna għandhiex tingħata aċċess għall-professjoni ta' Konservatur-Restawratur jew sabiex teżerċita dik l-attività fit-territorju kollu ta' Malta.

(4) Il-Bord għandu jiddetermina n-natura temporanja u n-natura okkażjonali tal-prattika tas-servizzi ta' konservazzjoni-restawr għal kull każ:

Iżda fil-każijiet kollha, il-Bord għandu jistabbilixxi t-tul tal-provvista temporanja tas-servizz.

(5) Persuna li tipprattika bħala Konservatur-Restawratur taħt dan l-artikolu għandha titqies bħala detentur ta' *warrant* temporanja u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra applikabbli għandhom japplikaw għaliha bl-istess mod u firxa bħal kwalunkwe detentur ta' *warrant* ieħor.

Ċittadini ta' pajjiżi terzi. *Miżjud: XIX.2019.30.*

34. (1) Ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment stabbiliti Malta li jixtiequ jipprattikaw bħala Konservaturi-Restawraturi jew li jipprattikaw Ħila tal-Patrimonju għandhom japplikaw lill-Bord u għandhom jiġu evalwati kif jixraq mill-Bord.

(2) Il-Bord għandu juża l-kriterji stabbiliti fl-artikolu 29 biex jevalwa l-individwi li japplikaw taħt dan l-artikolu, li għandhom jinkludu l-għotja lill-individwu tal-opportunità li juri, b'mod partikolari permezz ta' test ta' kapaċità, li għandu l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa.

(3) Persuna li tapplika taħt dan l-artikolu tista' tingħata *warrant* temporanja jew permanenti bħala Konservatur-Restawratur jew reġistrazzjoni bħala persuna li għandha Ħila tal-Patrimonju, skont il-każ, u kif il-Bord jidhirlu xieraq wara li jkun evalwa l-applikazzjoni.'

Bord tal-*Warrant* tar-Restawraturi. *Sostitwit: XIX.2019.31.*

35. (1) Għandu jkun hemm Bord, li jkun magħruf bħala l-Bord tal-*Warrant* tar-Restawraturi li għandu jkun magħmul minn:

(*a*) persuna waħda li għandha tinħatar minn fost persuni li huma jew li kienu kkwalifikati biex jinħatru mħallfin f'Malta;

(*b*) tliet membri maħtura minn fost persuni li fil-fehma tal-Ministru għandhom l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa u li wieħed minnhom għandu jkun minn fost l-istaff akkademiku residenti tal-Università ta' Malta u ieħor għandu jkun minn fost l-istaff akkademiku tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija;

(*ċ*) is-Sovrintendent jew ir-rappreżentant tiegħu *ex officio*; u

(*d*) żewġ Konservaturi-Restawraturi li m'humiex detenturi ta' *warrants* temporanji:

Iżda għall-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi, il-Bord għandu jkun magħmul minn persuni indikati fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*), filwaqt li l-paragrafu (*d*) għandu jidħol fis-seħħ fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-dispożizzjoni, minn liema data l-Bord għandu jkun magħmul mill-persuni indikati fil-paragrafi (*a*) sa (*d*):

Iżda wkoll il-Ministru għandu jaħtar persuna waħda minn dawk elenkati fil-paragrafi (a) u (b) bħala *Chairperson* tal-Bord.

(2) Iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Bord għandhom jinħatru mill-Ministru u għandhom jibqgħu fil-kariga għal dak it-terminu, li ma jeċċedix tliet snin, u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fl-ittra tal-ħatra:

Iżda meta jiskadi t-terminu li għalih persuna tkun maħtura taħt dan is-subartikolu, iċ-*Chairperson* u l-membri jistgħu jerġgħu jinħatru għal terminu ieħor.

(3) Bla ħsara għal dak stabbilit aktar 'il fuq, il-Bord jista' jagħmel ir-regoli tiegħu u għandu jirregola l-proċeduri tiegħu.

(4) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-Bord għandu juża l-fondi li jistgħu jiġu allokati lill-Bord minn żmien għal żmien mill-Ministru tal-Finanzi.

(5) Meta jitbattal xi post fuq il-Bord, il-Ministru għandu, hekk kif ikun prattikabbli, jaħtar persuna oħra biex timla l-post battal. Jekk il-post battal ikun jikkonċerna l-kariga tal-President, il-Ministru jista' jaħtar lil xi membru ieħor tal-Bord minn dawk elenkati fil-paragrafi (*a*) u (*b*) aktar 'il fuq biex timtela l-pożizzjoni ta' President.

(6) In-numru ta' membri meħtieġ biex jiġi ffurmat kworum għandu jkun ta' tlieta, iżda, kemm-il darba jkun hemm kworum, il-Bord jista' jaġixxi minkejja kwalunkwe post battal fost il-membri tiegħu.

(7) Il-Ministru jista' wkoll jiddelega uffiċjal pubbliku biex jaġixxi bħala segretarju tal-Bord, u dak is-segretarju m'għandux ikollu vot.

Ilmenti fuq kwistjonijiet etici. *Miżjud: XIX.2019.32. Emendat: XXI tal-2020.*

36. (1) Ilmenti bil-miktub u ffirmati kontra detenturi ta' *warrant*, detenturi ta' ċertifikati prattikanti u persuni li għandhom Ħila tal-Patrimonju dwar ksur tal-kodiċi ta' etika, għandhom jiġu sottomessi lill-Bord.

(2) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-artikolu, il-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(3) Il-Bord għandu jinvestiga l-ilment *in camera* u l-proċedimenti għandhom jitqiesu bħala kunfidenzjali.

(4) Jekk il-Bord jikkonkludi li d-detentur tal-*warrant*, id-detentur ta' ċertifikat prattikanti jew il-persuna reġistrata li għandha Ħila tal-Patrimonju, kisret il-kodiċi ta' etika, il-Bord jista' joħroġ twissija lid-detentur tal-*warrant*, detentur ta' ċertifikat prattikanti jew lill-persuna li għandha Ħila tal-Patrimonju jew jordna s-sospensjoni, il-kanċellazzjoni jew ir-revoka tal-*warrant*, ċertifikat prattikanti jew reġistrazzjoni skont il-każ:

Iżda d-deċiżjoni tal-Bord għandha tiġi notifikata biss lid-detentur tal-*warrant*, detentur taċ-ċertifikat prattikanti jew lil persuna reġistrata li jkollha Ħila tal-Patrimonju.

(5) Appelli kontra deċiżjoni tal-Bord skont dan l-artikolu għandhom jitressqu quddiem il-Bord tal-Appelli għall-Konservazzjoni-Restawr stabbilit skont l-artikolu 37, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord.

(6) Meta *warrant*, ċertifikat prattikanti jew reġistrazzjoni jkunu ġew sospiżi għal aktar minn sena, is-sospensjoni tista' titneħħa mill-Bord f'kull waqt wara l-iskadenza ta' sena jekk jintwera għas-sodisfazzjon tal-Bord li kien hemm bidla fiċ-ċirkostanzi li tiġġustifika tali tneħħija.

Twaqqif ta' Bord tal-Appelli għall-Konservazzjoni-Restawr. *Miżjud: XIX.2019.32.*

37. (1) Il-Bord tal-Appelli għall-Konservazzjoni-Restawr għandu jikkonsisti fi president u tliet membri oħra li għandhom jinħatru mill-Ministru minn fost persuni ta' integrità, kompetenza u esperjenza magħrufa:

Iżda mill-inqas wieħed mill-membri tal-Bord għandu jkun persuna li tkun ipprattikat bħala avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi li jammontaw, b'kollox, għal mhux inqas minn tnax-il sena.

(2) Il-membri tal-Bord tal-Appelli għall-Konservazzjoni-Restawr għandhom jibqgħu fil-kariga għal perjodu ta' tliet snin, u għandhom ikunu eliġibbli għall-ħatra mill-ġdid.

(3) Il-Ministru jista' wkoll jaħtar president sostitut u sostituti tal-Bord tal-Appelli għall-Konservazzjoni-Restawr biex jippresjedu fuq l-imsemmi Bord kull meta l-president jew il-membri jew xi wieħed minnhom ma jkunx jista' temporanjament jew għal xi raġuni valida jattendi u jipparteċipa fis-seduti tal-imsemmi Bord:

Iżda, safejn ikun prattikabbli, l-istess president u l-istess membri għandhom jisimgħu u jikkonkludu l-istess każ.

(4) Membru tal-Bord tal-Appelli għall-Konservazzjoni-Restawr jista' biss jitneħħa mill-kariga mill-Ministru minħabba negliġenza serja, inkompetenza, jew atti, ommissjonijiet jew kondotta mhux xierqa lil membru tal-Bord ta' Appelli.

(5) Il-Bord tal-Appelli għall-Konservazzjoni-Restawr għandu jkollu s-setgħa li jisma' u jiddetermina appelli kemm fuq fatti kif ukoll fuq punti ta' dritt kontra deċiżjoni jew rakkomandazzjoni tal-Bord magħmula skont l-artikolu 36.

(6) Is-seduti tal-Bord tal-Appelli għall-Konservazzjoni-Restawr għandhom jinżammu *in camera*.

(7) Fl-eżerċizzju tal-funzjoni tiegħu l-Bord tal-Appelli għall-Konservazzjoni-Restawr għandu jkollu s-setgħat kollha assenjati lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(8) Tliet membri tal-Bord tal-Appelli għall-Konservazzjoni-

Restawr għandhom jikkostitwixxu kworum fil-laqgħat tiegħu.

(9) Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appelli għall-Konservazzjoni-Restawr għandhom ikunu finali.

Appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord.
Kap. 12.
Miżjud: XIX.2019.32.

38. (1) Deċiżjoni tal-Bord taħt l-artikoli 31, 32, 33, 34 u 40(1) għandha tkun soġġetta għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell kostitwit skont l-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) L-appell għandu jiġi ppreżentat fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord lill-applikant jew detentur ta' *warrant*, detentur ta' ċertifikat prattikanti jew persuna reġistrata li għandha Ħila tal-Patrimonju.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti li jippreskrivu d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qrati b'konnessjoni ma' appelli taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm id-drittijiet jiġu preskritti mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, id-drittijiet pagabbli lil dik il-Qorti għandhom ikunu d-drittijiet applikabbli għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Funzjonijiet tal-Bord.
Sostitwit: XIX.2019.33.
Emendat: XXI tal-2020.

39. (1) Il-funzjonijiet tal-Bord huma li -

(*a*) jikkunsidra applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' *warrant* taħt din it-Taqsima, u jieħu deċiżjonijiet fir-rigward;

(*b*) jorganizza, jirregola u jiddetermina talbiet magħmula taħt ċirkostanzi speċjali skont l-artikolu 30 u taħt ċirkostanzi oħra skont l-artikoli 33 u 34;

(*ċ*) iżomm lista ta' universitajiet u ta' istituzzjonijiet akkademiċi u programmi ta' lawrja għall-finijiet tal-artikolu 29;

(*d*) jirrevedi l-kwalifiki akkademiċi u jivvaluta t-taħriġ prattiku magħmul minn individwu li jkun tħarreġ f'ġurisdizzjoni barranija skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29(2)(d)(i);

(*e*) jistabbilixxi s-suġġetti ewlenin minimi fil-qasam tal-konservazzjoni-restawr li tagħhom l-applikant għal *warrant* għandu jkollu l-għarfien;

(*f*) jorganizza u jirregola t-testijiet xierqa ta' kapaċità u perjodi ta' adattament kif provdut f'dan l-Att;

(*g*) jikkunsidra u jiddetermina applikazzjonijiet għal ċertifikati ġodda prattikanti skont l-artikolu 31(3) u għar-reġistrazzjoni ta' persuni li għandhom Ħila tal-Patrimonju skont l-artikolu 32;

(*h*) ifassal kodiċi ta' etika u linji gwida ta' prattika għal detenturi ta' *warrant* u persuni reġistrati bħala persuni li għandhom Ħila tal-Patrimonju;

(*i*) ifassal linji gwida li għandhom jintużaw mill-Bord biex jiddetermina każijiet skont l-artikolu 40;

(*j*) jiddetermina każijiet ta' kondotta ħażina professjonali u proċedimenti dixxiplinarji oħra fir-rigward ta' individwi li huma detenturi ta' *warrants* u ċertifikati prattikanti, *warrants* temporanji, persuni reġistrati bħala li għandhom Ħila tal-Patrimonju, inklużi każijiet li jwasslu għas-sospensjoni jew għall-irtirar ta' *warrant*, jew detenturi ta' ċertifikat jew reġistrazzjoni ta' Ħila tal-Patrimonju maħruġa taħt dan l-Att;

(*k*) ifassal linji gwida li jistabbilixxu l-mod kif il-persuni li għandhom Ħiliet tal-Patrimonju għandhom jiġu evalwati u rreġistrati bħala tali;

(*l*) jivvaluta assoċjazzjonijiet profes-sjonali għar-rikonoxximent skont l-artikolu 42;

(*m*) jistabbilixxi l-kriterji għall-aċċettazzjoni ta' programmi ta' taħriġ u żvilupp professjonali kontinwu għal detenturi ta' *warrant* u detenturi ta' ċertifikati prattikanti; u

(*n*) jagħti parir lill-Ministru dwar kull kwistjoni li għandha x'taqsam mal-professjoni tal-Konservaturi-Restawraturi u ma' Ħiliet tal-Patrimonju.

(2) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu l-Bord jista' jikkonsulta ma' dawk il-persuni li jidhirlu xierqa u jista' wkoll jaħtar kumitati jew esperti, li ċ-*Chairperson* tagħhom għandu jkun il-President tal-Bord jew id-delegat tiegħu, biex jaqdu d-dmirijiet jew xogħol ieħor kif il-Bord jista' jassenjalhom.

(3) Il-Bord għandu jżomm reġistru tad-detenturi tal-*warrant*, li jindika fir-rigward ta' kull persuna reġistrata fih ix-xogħol li għalih għandhom ċertifikat jew ċertifikati prattikanti, u għandu, mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-tmiem ta' kull sena, jippubblika fil-Gazzetta lista ta' persuni li, fil-31 ta' Diċembru tas-sena msemmija, kienu rreġistrati bħala detenturi ta' *warrant* maħruġa taħt dan l-Att, u liema ċertifikati ta' prattika għandhom.

(4) Il-Bord għandu jżomm reġistru ta' persuni li għandhom Ħila tal-Patrimonju taħt dan l-Att, li jindika fir-rigward ta' kull persuna reġistrata fih ix-xogħol, intervent jew proċedura li għaliha dik il-persuna hija rreġistrata, u għandu, mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-tmiem ta' kull sena, jippubblika fil-Gazzetta lista ta' persuni li, fil-31 ta' Diċembru tas-sena msemmija, kienu hekk irreġistrati, u jindika fir-rigward ta' kull persuna x-xogħol, intervent jew proċedura li

għalihom hija reġistrata.

(5) Il-Bord għandu jżomm reġistru ta' persuni li jkollhom *warrants* temporanji u rreġistrati biex jipprattikaw Ħila tal-Patrimonju u mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-tmiem ta' kull sena, jippubblika fil-Gazzetta tal-Gvern lista ta' persuni li, fil-31 ta' Diċembru tal-imsemmija sena, kienu hekk irreġistrati.

Sospensjoni jew revoka ta' *warrants* u ċertifikati prattikanti u reġistrazzjonijiet ta' Ħiliet ta' Patrimonju. *Sostitwit: XIX.2019.34. Emendat: XXI tal-2020.*

40. (1) Il-Bord jista', b'ordni bil-miktub, jissospendi jirrevoka jew jikkanċella *warrant*, ċertifikat prattikanti jew reġistrazzjoni, kif applikabbli, jekk il-persuna:

(*a*) wara inkjesta mill-Bord, instabet ħatja, ta' xi wieħed mill-atti jew ommissjonijiet li ġejjin:

(i) diżonestà, imġiba ħażina serja jew negliġenza serja fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha;

(ii) aġixxiet bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, regolament jew direttiva maħruġa skont dan l-Att;

(iii) naqset milli tkun konformi ma' xi regolamenti jew direttivi fir-rigward ta' standards professjonali, prattiċi jew integrità;

(iv) kondotta li tmur kontra l-kodiċi ta' etika u linji gwida għall-prattika skont dan l-Att;

(v) naqset milli tkun konformi ma' xi kundizzjoni relatata mal-*warrant*, jew ċertifikat prattikanti, jew reġistrazzjoni maħruġa taħt dan l-Att;

(vi) imġiba ħażina li tiskredita lill-professjoni;

(vii) kisbet il-*warrant* jew ċertifikat prattikanti jew reġistrazzjoni b'mod qarrieqi jew frawdolenti;

(viii) l-eżistenza ta' ċirkostanzi materjali li, jekk il-*warrant* jew ċertifikat prattikanti ma kinux inħarġu, kienu jiskwalifikaw lil dik il-persuna milli tikseb il-*warrant* jew ċertifikat prattikanti; jew

(*b*) instabet ħatja minn qorti tal-ġustizzja:

(i) ta' reat taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul taħtu; jew

(ii) ta' reat li jaffettwa l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew ta' frodi jew li xjentement irċeviet proprjetà miksuba b'serq jew frodi jew, skont il-każ, ta' reat punibbli b'terminu ta' priġunerija li jeċċedi sena.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1):

(*a*) *warrant* tista' tiġi ċeduta lill-Bord mid-detentur tal-*warrant*;

(*b*) ċertifikat prattikanti jista' jiġi ċedut lill-Bord mid-detentur taċ-ċertifikat prattikanti;

(*ċ*) reġistrazzjoni bħala persuna li għandha Ħila tal-Patrimonju tista' tiġi ċeduta lill-Bord mill-persuna hekk reġistrata.

Effetti ta' revoka, kanċellazzjoni jew sospensjoni ta' *warrant*, ċertifikat prattikanti jew reġistrazzjoni ta' Ħiliet tal-Patrimonju. *Sostitwit: XIX.2019.35.*

41. (1) Meta *warrant* u, jew ċertifikat prattikanti jew reġistrazzjoni taħt dan l-Att jiġu revokati jew kanċellati, il-persuna kkonċernata għandha tieqaf tkun detentur ta' dik il-*warrant* u, jew kull ċertifikat prattikanti, jew reġistrazzjoni.

(2) Jekk il-*warrant* u, jew iċ-ċertifikat prattikanti jew ir-reġistrazzjoni jiġu sospiżi, id-detentur jew il-persuna rreġistrata għandhom jieqfu milli jeżerċitaw il-professjoni u, jew jipprovdu l-ħila matul il-perjodu ta' sospensjoni.

Il-Ministru jista' joħroġ *warrant* ġdid. *Sostitwit: XIX.2019.36. Emendat: XXI tal-2020.*

42. (1) Il-Bord jista' jirrikonoxxi kull assoċjazzjoni professjonali lokali ta' Konservaturi-Restawraturi bħala korp approvat għall-finijiet ta' dan l-Att jekk il-Bord ikun sodisfatt, fost affarijiet oħra, kif jista' jiġi preskritt, li l-kwalifiki edukattivi u professjonali mitluba minn dik l-assoċjazzjoni għal sħubija huma konformi ma' dawk stabbiliti taħt dan l-Att u li tali sħubija hija miftuħa għall-persuni kollha li għandhom dawk il-kwalifiki.

(2) Dak ir-rikonoxximent għandu jkun soġġett għal kwalunkwe minn dawk il-kondizzjonijiet li l-Bord jista', fl-għoti tar-rikonoxximent, jimponi jew kif jista' jkun preskritt minn żmien għal żmien; u jekk f'xi waqt xi waħda (1) mill-kondizzjonijiet imsemmija qabel, jew xi waħda (1) mid-dispożizzjonijiet kif misjuba fiha jew kif preskritta, ma tiġix osservata jew imwettqa, jew ikun hemm bidla materjali fiċ-ċirkostanzi li fihom ingħata r-rikonoxximent, il-Bord jista' jissospendi jew jirtira r-rikonoxximent.

(3) Il-korp approvat għandu jżomm reġistru tal-membri tiegħu u għandu jdaħħal fih l-ismijiet tal-persuni kollha li jikkwalifikaw għal tali sħubija. L-imsemmi reġistru għandu jinżamm b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt.

Regolamentazzjoni ta' servizzi ta' restawr u prestazzjoni. *Enumerat/ Emendat: XIX.2019.37. Sostitwit: XLI. 2021.12.*

43. Għandha tkun is-setgħa tal-Ministru li jippreskrivi dawk ir-regoli u regolamenti li jistgħu jkunu meħtieġa biex jirregolaw aktar it-twettiq ta' dak ix-xogħol, servizzi, atti jew funzjonijiet kif imsemmija f'din it-Taqsima.

TAQSIMA VII
Patrimonju Kulturali ta' Taħt l-Ilma

Dikjarazzjoni ta' Patrimonju Kulturali ta' Taħt l-Ilma. *Miżjud: XIX.2019.38. Emendat: XLI. 2021.13.*

44. (1) Is-Sovrintendent jista', b'avviż fil-Gazzetta, jiddikjara fdalijiet li jinsabu f'qiegħ il-baħar tal-ilmijiet territorjali ta' Malta u li għandhom mill-inqas ħamsin sena bħala Patrimonju Kulturali ta' taħt l-Ilma.

(2) Kull meta s-Sovrintendent ikun tal-fehma li l-fdalijiet li jinsabu fl-ilmijiet territorjali huma ta' sinifikat kulturali u storiku, is-Sovrintendent jista', b'avviż fil-Gazzetta, jiddikjara dawk il-fdalijiet bħala nawfraġju storiku, ajruplan u, jew sit arkeoloġiku taħt l-ilma.

(3) Meta s-Sovrintendent ikun tal-fehma li oġġett partikolari assoċjat ma' bastiment, ajruplan jew sit arkeoloġiku li jinsab fl-ilmijiet territorjali huwa ta' importanza storika, is-Sovrintendent jista', b'avviż

ippubblikat fil-Gazzetta, jiddikjara li l-oġġett huwa oġġett storiku.

(4) Is-Sovrintendent jista' jagħmel dikjarazzjoni taħt is-subartikoli (2) u (3) dwar kull parti mill-fdalijiet ta' bastiment, ajruplan jew sit arkeoloġiku taħt wiċċ l-ilma, jew li jkun relatat ma' kwalunkwe oġġett li jinsab fl-ibħra territorjali jew li tneħħa mill-ibħra territorjali.

(5) Meta tkun saret dikjarazzjoni skont dan l-artikolu dwar il-fdalijiet ta' bastiment, ajruplan jew xi sit arkeoloġiku taħt l-ilma jew oġġett li jinsab fl-ilmijiet territorjali u wara li tkun inħarġet dik id-dikjarazzjoni titneħħa xi parti minn dawk il-fdalijiet jew minn dak l-oġġett mill-ibħra territorjali, id-dikjarazzjoni għandha tkompli tapplika, soġġetta għal kwalunkwe emenda jew revoka tad-dikjarazzjoni, fir-rigward ta' dik il-parti ta' dawk il-fdalijiet jew b'rabta ma' dak l-oġġett minkejja t-tneħħija tiegħu minn dawk l-ilmijiet.

Żoni protetti. *Miżjud: XIX.2019.38*

45. Għall-fini ta' dan l-Att, is-Sovrintendent jista', b'avviż ippubblikat fil-Gazzetta, jiddikjara żona tal-baħar jew parzjalment tal-baħar u parzjalment tal-art bħala żona protetta fejn jinsab il-Patrimonju Kulturali ta' Taħt l-Ilma.

Kustodja ta' Patrimonju Kulturali ta' Taħt l-Ilma. *Miżjud: XIX.2019.38. Emendat: XLI. 2021.14.*

46. (1) Is-Sovrintendent jista', fir-rigward ta' persuna li jkollha pussess, kustodja jew kontroll ta' oġġett li jkun jew jifforma parti minn nawfraġju storiku, sit arkeoloġiku taħt wiċċ l-ilma jew li jkun oġġett storiku, għall-finijiet:

(*a*) tal-preservazzjoni tal-oġġett;

(*b*) tat-tqegħid tal-oġġett f'kollezzjoni ta' oġġetti li kienet jew għadha trid tiġi stabbilita; jew

(*ċ*) tal-wirja tiegħu, jew tal-provvista ta' aċċess għall-oġġett, kemm jekk l-oġġett jifforma parti minn kollezzjoni ta' oġġetti u anke jekk le,

b'avviż bil-miktub jesiġi li l-persuna tieħu dik l-azzjoni fir-rigward tal-oġġett kif speċifikat fl-avviż.

(2) L-azzjoni li persuna tista' tkun rikjesta li tieħu fir-rigward ta' oġġett skont is-subartikolu (1) tinkludi iżda mhix limitata għal:

(*a*) li żżomm l-oġġett b'mod partikolari jew f'post partikolari;

(*b*) li tneħħi l-oġġett minn post partikolari f'ħin partikolari;

(*ċ*) li tagħmel xi att partikolari fir-rigward tal-oġġett sa żmien partikolari, li jkun att maħsub biex jgħin fil-preservazzjoni tal-oġġett; u

(*d*) tikkunsinna l-oġġett lis-Sovrintendenza jew kif

delegat mis-Sovrintendent fi żmien partikolari.

Permessi għall-esplorazzjoni jew l-irkupru ta' nawfraġji u relikwi. *Miżjud: XIX.2019.38.*

47. (1) Is-Sovrintendent jista', fid-diskrezzjoni tiegħu jew tagħha, fuq applikazzjoni minn persuna, jagħti permess lil dik il-persuna li jawtorizza lil dik il-persuna u lil kwalunkwe persuna oħra msemmija jew deskritta fil-permess li tagħmel att jew ħaġa speċifikata fil-permess, li l-għemil tagħhom mingħajr il-permess ikun ipprojbit b'dan l-Att.

(2) Is-Sovrintendent jista' jimponi kondizzjonijiet fir-rigward ta' dak il-permess u jista' fi kwalunkwe waqt jirrevoka jew ivarja xi kundizzjoni hekk imposta.

Dmir li tirrapporta l-iskoperta ta' patrimonju kulturali taħt l-ilma. *Miżjud: XIX.2019.38. Emendat: XLI. 2021.15.*

48. Kull persuna li ssib fl-ibħra territorjali ta' Malta kwalunkwe forma ta' Patrimonju Kulturali taħt l-Ilma, għandha sa mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa minn dik l-iskoperta tibgħat lis-Sovrintendent avviż li jkun fih deskrizzjoni tal-fdalijiet jew tal-oġġett u deskrizzjoni tal-post fejn jinsabu l-fdalijiet jew l-oġġett.

TAQSIMA VIII
Protezzjoni tal-Patrimonju Kulturali

Protezzjoni tal-Patrimonju Kulturali *Miżjud: XIX.2019.38.*

49. L-ebda persuna ma għandha tagħmel xi intervent jew tibdil, ħsara, demolizzjoni jew twettaq konservazzjoni jew restawr ta' proprjetà kulturali kif imfisser f'dan l-Att, jew klassijiet tal-istess, ħlief bil-permess bil-miktub tas-Sovrintendent u kif soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu imposti, u kif jista' jiġi definit f'regolamenti maħruġa taħt dan l-Att.

Proprjetà kulturali mobbli mogħtija fuq self jew b'allokazzjoni. *Miżjud: XIX.2019.38. Emendat: XXI tal-2020.*

50. (1) Is-Sovrintendent jista' jidħol fi ftehim ma' aġenziji tal-gvern u korpi stabbiliti bil-liġi, organizzazzjonijiet mhux governattivi kulturali, kunsilli lokali u istituzzjonijiet akkademiċi, għas-self jew allokazzjoni ta' proprjetà kulturali mobbli skont id-dispożizzjonijiet u r-regolamenti preskritti taħt dan l-Att, u skont dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu inklużi fil-ftehim:

Iżda l-ftehim ta' self jew allokazzjoni, skont il-każ, għandu jsir għall-kustodja, amministrazzjoni, kura u wiri tal-proprjetà kulturali mobbli:

Iżda wkoll qabel ma jidħol f'xi ftehim ta' self jew ta' allokazzjoni, is-Sovrintendent għandu jikkonsulta lill-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fil-ftehim ta' self jew ta' allokazzjoni.

(2) Il-ftehim ta' self jew allokazzjoni għandu jinkludi termini u kondizzjonijiet, liema termini u kondizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti mis-Sovrintendent skont il-każ.

(3) Il-proprjetà kulturali soġġetta għall-ftehim ta' self jew allokazzjoni għandha tibqa' proprjetà tal-Gvern.

(4) Is-Sovrintendent jista', wara li jikkonsulta mal-Kunsill, jirrevoka l-ftehim ta' self jew ta' allokazzjoni, jekk xi termini u kondizzjonijiet stipulati fih jew xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu, ma jiġux osservati.

Affidament tas-sit. *Miżjud: XIX.2019.38. Sostitwit: XLI. 2021.16.*

51. Is-Sovrintendent jista' jidħol, permezz ta' att pubbliku, fi ftehim ta' fiduċja mal-Aġenzija għall-kustodja, amministrazzjoni, kura u aċċessibilità ta' proprjetà immobbli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u skont dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu fl-imsemmi ftehim.

(2) Is-Sovrintendenza għandha tinforma bil-miktub lill-Awtorità kompetenti responsabbli għall-proprjetà tal-Gvern bi kwalunkwe awtorizzazzjoni bħal din mogħtija taħt is-subartikolu (1).

Ġestjoni ta' kollezzjonijiet pubbliċi. *Miżjud: XIX.2019.38. Emendat: XLI. 2021.17.*

52. (1) L-ebda parti minn kollezzjoni pubblika m'għandha tieqaf tkun proprjetà pubblika:

Iżda oġġetti li huma proprjetà pubblika mogħtija b'self jew allokazzjoni għandhom ukoll ikunu koperti b'din id-dispożizzjoni.

(2) Dipartiment tal-Gvern, aġenziji tal-gvern u entitajiet tal-gvern li jkollhom oġġetti jew kollezzjonijiet ta' proprjetà kulturali, għandhom jiżguraw is-sigurtà ta' dik il-proprjetà u għandhom jinfurmaw lis-Sovrintendent dwar l-istat ta' tali proprjetà kulturali u l-post tagħha:

Iżda kull moviment ta' dawk l-oġġetti jew kollezzjonijiet għandu jiġi rrappurtat lis-Sovrintendent sa tletin jum qabel dak il-moviment:

Iżda wkoll il-kollezzjonijiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom ikunu soġġetti għall-istess obbligi li japplikaw għall-kollezzjonijiet pubbliċi:

Iżda wkoll fil-każ tax-xoljiment ta' organizzazzjoni mhux governattiva, il-kollezzjonijiet semi-pubbliċi għandhom isiru kollezzjonijiet pubbliċi.

(3) Il-kollezzjonijiet pubbliċi u l-oġġetti kostitwenti tagħhom għandhom jiġu elenkati f'inventarju, liema inventarju għandu jiġi sottomess lis-Sovrintendent biex jiġi inkluż fl-inventarju nazzjonali. Kwalunkwe akkwist ġdid ta' proprjetà kulturali minn entitajiet pubbliċi għandu jiġi rrappurtat lis-Sovrintendent fi żmien tletin jum mill-akkwist għall-inklużjoni fl-inventarju nazzjonali:

Iżda l-inventarju għandu jindika l-post fejn jinżammu l-oġġett jew il-kollezzjoni.

(4) Il-ġestjoni u l-konservazzjoni ta' kollezzjonijiet semi-pubbliċi ta' proprjetà kulturali għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(5) Kollezzjonijiet semi-pubbliċi bħal dawn m'għandhomx jiġu separati f'każ ta' xoljiment ta' assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet mhux governattivi.

TAQSIMA IX
POTERI SPEĊJALI TA' L-ISTAT

Sostitwit: XIX.2019.39.

Inventarju Nazzjonali. *Sostitwit: XIX.2019.40. Emendat: XLI. 2021.18.*

53. (1) Meta jiġi stabbilit l-inventarju nazzjonali tal-proprjetà kulturali, is-Sovrintendenza għandha tikkunsidra proprjetà kulturali u patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma li jappartjenu:

(*a*) għall-Istat jew l-istituzzjonijiet Statali;

(*b*) għall-Knisja Kattolika u denominaz-zjonijiet reliġjużi oħra;

(*ċ*) għal fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet mhux governattivi stabbiliti skont il-liġi;

(*d*) għal persuni fiżiċi u ġuridiċi. Fil-każ ta' proprjetà kulturali mobbli privata, meta dik il-proprjetà kulturali tkun saret aċċessibbli għall-pubbliku u meta dawn il-persuni jkunu taw il-kunsens tagħhom għal tali skopijiet; u

(*e*) għal kull proprjetà kulturali oħra u patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma kif imfisser f'dan l-Att.

(2) Is-Sovrintendent jista' jitlob li jiġu żviluppati u aġġornati inventarji minn persuni oħra, u kopja ta' dawk l-inventarji għandha tiġi depożitata mas-Sovrintendent.

(3) Il-proprjetà kulturali u l-patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma inklużi fl-inventarju nazzjonali għandhom jiġu attribwiti livell ta' protezzjoni biex jiġu salvagwardati b'mod adegwat il-proprjetà kulturali u l-patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma:

Iżda l-ommissjoni mill-inventarju nazzjonali ta' xi proprjetà kulturali jew patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma ma għandhiex titqies li timplika li dik il-proprjetà kulturali li tħalliet barra m'għandhiex tingħata dik il-protezzjoni.

(4) Is-Sovrintendent għandu jagħmel użu mil-lista ta' Proprjetà Skedata, kif imfissra fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, għall-finijiet tal-inventarju.

Kap. 552.

Kontroll tal-esportazzjoni u ri-esportazzjoni. *Enumerat/ Emendat: XIX.2019.41; Emendat: XLI. 2021.19; XXI.2024.2.*

54. (1) Ħadd ma jista' jċaqlaq, jesporta jew jerġa' jesporta proprjetà kulturali mingħajr il-permess bil-miktub tas-Sovrintendent.

(2) Kull moviment, meta jkun permess, għandu jkun soġġett għall-ħlas ta' dritt amministrattiv kif stabbilit fl-Iskeda.

(3) L-esportazzjoni u esportazzjoni mill-ġdid, meta permessi għandhom ikunu bla ħsara għall-ħlas ta' miżata ad valorem kif stipulat fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att u għandha tkun bla ħsara

għal dawk il-kondizzjonijiet l-oħra li jistgħu jkunu imposti mis-Sovrintendent.

(4) Permess għall-moviment, esportazzjoni u esportazzjoni mill-ġdid tista' tingħata għal żmien limitat u mingħajr il-ħlas tal-miżata msemmija fis-subartikolu (2) u (3) għal skop ta' restawr, esibizzjoni jew studju. Is-Sovrintendent jista', meta jkun qed jagħti tali permess jimponi garanziji għar-ritorn tal-proprjetà kulturali li tiġi hekk esportata jew esportata mill-ġdid f'dak l-ammont li jiġi stabbilit mis-Sovrintendent.

(5) Il-valur tal-oġġetti għall-iskop tal-ħlas tad-dritt imsemmi fis-subartikolu (3) għandu jkun l-ammont iddikjarat mill-esportatur fuq prova ta' dokumenti ta' akkwist, jew jekk is-Sovrintendenza tqis xieraq, l-ammont għandu jkun stabbilit minn espert wieħed jew aktar li jinħatru bi ftehim bejn il-Ministru u l-esportatur jew, fin-nuqqas ta' ftehim, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq talba tal-esportatur, li għandha ssir b'rikors. L-ispiża tal-valutazzjoni għandha titħallas mill-esportatur.

(6) Minflok il-ħlas tad-dritt skont is-subartikolu (3), l-esportatur jista', bil-kunsens tas-Sovrintendent, jagħti lill-Gvern permezz ta' *datio in solutum*, oġġett wieħed jew aktar ta' valur ekwivalenti għad-dritt dovut.

(7) Il-Gvern jista' jakkwista kull oġġett li jkun propost li jiġi esportat, b'dak il-prezz li jista' jiġi stabbilit bil-mod stipulat f'dan l-artikolu fi żmien xahrejn minn meta ssir il-valutazzjoni msemmija f'dan l-artikolu u wara li jingħata avviż tal-esportazzjoni intiża lis-Sovrintendent. L-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-valutazzjoni għandhom, f'dawk il-każijiet, jitħallsu mill-Gvern

(8) Fil-każ ta' moviment u importazzjoni ta' proprjetà kulturali f'Malta, għall-iskop ta' wirja temporanja, jew self temporanju, jew bejgħ, is-Sovrintendent jista' joħroġ ċertifikat li jiggarantixxi li l-Gvern jirrinunzja, fir-rigward ta' dawn l-oġġetti, għad-dritt ta' preferenza u għad-dritt li tiġi pprojbita l-esportazzjoni mill-ġdid jew il-moviment tagħhom għal barra minn Malta, għal perjodu ta' għaxar (10) snin mid-data taċ-ċertifikat u l-garanzija, liema ċertifikat u garanzija jistgħu jiġu mġedda:

Iżda fil-każ ta' persuni li ser jirrisjedu ġewwa Malta, jew li ġew jirrisjedu ġewwa Malta, is-Sovrintendent jista' joħroġ ċertifikat li jiggarantixxi li l-Gvern jirrinunzja, fir-rigward ta' dawn l-oġġetti, sakemm fil-fehma tas-Sovrintendent l-oġġetti ma jkunux ta' importanza nazzjonali għal Malta, għad-dritt ta' preferenza u għad-dritt li tiġi pprojbita l-esportazzjoni mill-ġdid jew il-moviment tagħhom barra minn Malta, għal perjodu ta' għaxar (10) snin mid-data taċ-ċertifikat u l-garanzija, liema ċertifikat u garanzija jistgħu jiġu mġedda:

Iżda wkoll:

(*a*) it-talba bil-miktub għall-imsemmi ċertifikat għandha ssir qabel l-importazzjoni jew il-moviment f'Malta ta' dik il-proprjetà kulturali; u

(*b*) l-oġġetti għandhom jiġu eżaminati u reġistrati fil-punt tad-dħul f'Malta mis-Sovrintendent; u

(*ċ*) l-imsemmija oġġetti kulturali għandhom ikunu akkumpanjati b'evidenza ta' provenjenza u titolu rigwardanti l-proprjetà kulturali, dokumentazzjoni dwar il-moviment jew esportazzjoni jew importazzjoni u għandhom jiġu deskritti b'mod grafiku u bil-miktub fiċ-ċertifikat u l-garanzija.

(9) Is-Sovrintendent għandu jżomm reġistru ta' tali movimenti u importazzjonijiet, b'dana illi r-reġistru jinżamm aċċessibbli għall-Ministru u l-Kunsill.

(10) Il-Ministru għandu b'regolamenti jemenda t-tariffi stabbiliti fl-Iskeda ta' dan l-Att.

Dritt ta' preferenza. *Miżjud: XIX.2019.42. Emendat: XLI. 2021.20.*

55. (1) Fil-każ ta' bejgħ, esportazzjoni, moviment, skambju, għotja enfitewtika jew kiri ta' oġġett ta' proprjetà kulturali, is-Sovrintendent għandu jkollu d-dritt fuq kulħadd, bl-approvazzjoni tal-Ministru, li jakkwista tali proprjetà b'kondizzjonijiet ugwali inkluża l-konsiderazzjoni kif konkluża bejn il-partijiet:

Iżda d-dritt ta' preferenza għandu jiġi eżerċitat fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(*a*) meta l-proprjetà kulturali hija ta' valur kulturali għoli; jew

(*b*) fil-każ ta' theddida fiżika potenzjali għall-proprjetà kulturali; jew

(*ċ*) fil-każ fejn l-esportazzjoni jew il-moviment jirriżulta fit-tneħħija tiegħu mit-territorju nazzjonali; jew

(*d*) biex tiġi garantita l-aċċessibilità tal-proprjetà kulturali:

Iżda wkoll fil-każ ta' esportazzjoni jew moviment tal-oġġett ta' proprjetà kulturali, il-Gvern għandu jakkwista l-istess b'titolu ta' bejgħ.

(2) Dan id-dritt ta' preferenza jista' jiġi eżerċitat mhux aktar tard minn xahrejn mid-data li fiha jkun irċieva avviż ta' dak il-bejgħ, esportazzjoni, moviment, skambju, trasferiment jew kiri minn xi waħda mill-partijiet, jew mid-data meta s-Sovrintendent isir jaf dwar il-bejgħ, l-esportazzjoni, il-moviment, l-iskambju, it-trasferiment jew il-kiri msemmija, skont liema tiġi l-ewwel.

(3) Fl-eżerċizzju tad-dritt ta' preferenza, meta l-konsiderazzjoni tat-trasferiment ma tkunx tista' tiġi stabbilita mod ieħor, il-valur tal-proprjetà kulturali inkwistjoni għandu jiġi stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 54.

Konservazzjoni u restawr.
Mižjud: XIX.2019.42.
Sostitwit: XLI. 2021.21.

56. (1) Il-konservazzjoni u r-restawr ta' proprjetà kulturali jistgħu jsiru biss bl-awtorizzazzjoni minn qabel u l-kondizzjonijiet stabbiliti mis-Sovrintendent:

Iżda s-sidien jew persuni responsabbli għall-konservazzjoni u r-restawr proposti għandhom jinnotifikaw lis-Sovrintendent minn qabel:

Iżda wkoll l-Aġenzija għandha tagħti biss avviż u informazzjoni suffiċjenti lis-Sovrintendent qabel il-bidu tax-xogħlijiet ta' konservazzjoni u restawr fuq proprjetà kulturali pubblika fdata lilha.

(2) Proponenti għandhom jingaġġaw konservaturi-restawraturi b'warrant biex iħejju d-dokumenti, iwettqu u, jew jissorveljaw ix-xogħlijiet.

(3) Xogħol ta' konservazzjoni u restawr jista' jkun soġġett għas-sottomissjoni ta' rapporti dwar il-kundizzjoni u dikjarazzjonijiet ta' metodi mħejjija minn konservaturi-restawraturi li għandhom warrant jew esperti oħra li huma approvati mis-Sovrintendenza għall-approvazzjoni minn qabel mis-Sovrintendent.

(4) Tali xogħol jista' jkun soġġett għal monitoraġġ jew spezzjonijiet perjodiċi u rappurtar mis-Sovrintendent:

Iżda wara l-ispezzjoni jew il-monitoraġġ, is-Sovrintendent jista' jirrikjedi pjanijiet emendati u dikjarazzjonijiet tal-metodu u jista' jimmodifika l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni oriġinali.

(5) Il-konservazzjoni u r-restawr ta' proprjetà kulturali għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Tiswija u restawr mill-Gvern.
Enumerat: XIX.2019.43.
Emendat: XLI. 2021.22.

57. Is-Sovrintendent jista', wara li jikkonsulta lill-Kunsill, b'avviż jgħarraf lil kull min ikun is-sid, detentur jew pussessur ta' proprjetà kulturali li dik il-proprjetà kulturali, tkun teħtieġ tiswija jew restawr urġenti u għandu f'dak l-avviż jistabbilixxi terminu li fih għandhom isiru tali tiswija jew restawr, u fin-nuqqas li jsir dan, is-Sovrintendent, jista' jagħmel dawk ix-xogħlijiet bi spejjeż ta' dik il-persuna:

Iżda s-Sovrintendent jista' jirreġistra privileġġ speċjali fuq il-proprjetà għall-ammont ta' spejjeż dovuti.

Skedar.
Mižjud: XIX.2019.44.

58. Is-Sovrintendent jista' jirrakkomanda għall-iskedar lill-Awtorità tal-Ippjanar dawk is-siti u bini li huma meqjusa skedati bħala proprjetà kulturali skont it-tifsira tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Kap.552.

Permess għall-iżvilupp u interventi fuq proprjetà kulturali. *Miżjud: XIX.2019.44. Emendat: XLI. 2021.23.*

59. (1) Ebda persuna ma għandha tagħmel xi żvilupp jew interventi oħra fuq proprjetà kulturali immobbli, proprjetà elenkata fl-inventarju nazzjonali jew proprjetà skedata mingħajr ma l-ewwel tkun kisbet permess għalihom mis-Sovrintendent u kif jista' jkun preskritt fir-regolamenti maħruġa taħt dan l-Att.

(2) Qabel jiddetermina applikazzjoni taħt is-subartikolu (1) is-Sovrintendent jista' jitlob informazzjoni li tinkludi r-riżultati ta' konsultazzjonijiet ma' entitajiet oħra, jew individwi, testijiet, investigazzjonijiet fuq il-post, eżamijiet jew spezzjonijiet u valutazzjonijiet oħra dwar l-istorja, kompożizzjoni, provenjenza jew aspetti oħra tal-proprjetà kulturali rilevanti kif jista' jkun rikjest mis-Sovrintendent.

(3) Fl-għoti ta' tali permess is-Sovrintendent jista' jimponi dawk il-kondizzjonijiet, obbligi tal-patrimonju jew garanzija li jidhirlu xierqa.

(4) Is-Sovrintendent jista' jitlob li jittieħdu ritratti tal-iżvilupp propost u l-fażijiet varji tiegħu jew inkella li dawn jiġu dokumentati jew reġistrati, u li jiġi konsenjat rapport dwar ix-xogħol lis-Sovrintendent f'dawk iż-żminijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fil-permess.

(5) Is-Sovrintendent jista' jitlob li l-iżvilupp propost jew xi parti minnu kif jista' jiġi dikjarat fil-permess jitwettaq taħt il-monitoraġġ jew is-sorveljanza.

(6) Is-Sovrintendent jista' jitlob it-tfassil ta' pjanijiet emendati jew dikjarazzjonijiet tal-metodu.

Setgħa tad-dħul u spezzjoni. *Sostitwit: XIX.2019.45.*

60. (1) Kull uffiċjal tas-Sovrintendenza awtorizzat kif suppost bil-miktub mis-Sovrintendent jista', bl-assistenza tal-Pulizija Eżekuttiva, jidħol f'kull żona; proprjetà, sit taħt investigazzjoni, post jew bini jekk is-Sovrintendent jidhirlu li dan huwa meħtieġ għall-qadi ta' kull funzjoni taħt dan l-Att jew jekk jidhirlu li hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li twettaq jew ser jitwettaq reat kontra dan l-Att jew xi regolament ieħor, kondizzjoni tal-liċenzja jew kondizzjonijiet magħmula taħt l-istess.

(2) Meta d-dħul ikun għall-finijiet ta' spezzjoni jew dokumentazzjoni, is-Sovrintendent għandu jinnotifika bil-miktub lid-detentur tal-proprjetà kulturali dwar id-dħul intiż, u wara dan, l-uffiċjal hekk awtorizzat għandu jingħata aċċess għal dik il-proprjetà kulturali fejn ikunu qed iseħħu l-konservazzjoni, ir-restawr jew l-iżvilupp.

(3) Is-Sovrintendent għandu jara li titwettaq spezzjoni f'każijiet ta' skoperti ta' proprjetà kulturali rrappurtati sabiex jiġi stabbilit jekk humiex meħtieġa xogħlijiet ta' preservazzjoni jew skavar.

(4) Is-Sovrintendent għandu jkollu d-dritt li jidħol u jokkupa kwalunkwe proprjetà kulturali sabiex iwettaq skavi arkeoloġiċi fihom, kemm-il darba:

(*a*) jkun ingħata avviż bil-miktub lil okkupant jew lis-sid tal-proprjetà kulturali inkwistjoni mill-inqas tlett ijiem qabel il-bidu ta' dawk l-iskavi;

(*b*) it-tul ta' żmien mistenni tax-xogħol għandu jkun ġie ddikjarat fl-avviż:

Iżda kull estensjoni ulterjuri ta' dan il-perjodu għandha ssir bi preavviż ta' mill-anqas tlett ijiem; u

(*ċ*) is-sidien jew id-detentur tal-proprjetà kulturali okkupata skont dan l-artikolu għandhom ikunu intitolati għal kumpens għal kull telf ta' qligħ, ħsara sostnuta matul skavi arkeoloġiċi jew integrazzjoni mill-ġdid ta' żoni skavati.

(5) L-iskoperti magħmula matul il-perjodu ta' okkupazzjoni mis-Sovrintendent għandhom ikunu l-proprjetà tal-Gvern.

(6) Fl-eżerċizzju ta' kwalunkwe mid-drittijiet tiegħu taħt dan l-artikolu s-Sovrintendent jista' jitlob l-assistenza tal-Pulizija.

Skoperta ta' proprjetà kulturali. *Sostitwit: XIX.2019.46. Emendat: XLI. 2021.24.*

61. (1) Kull persuna li, aċċidentalment jew mod ieħor, permezz ta' kwalukwe mezzi tiskopri xi oġġett, sit jew bini, jew karatteristika partikolari f'bini jew proprjetà jew xi proprjetà kulturali oħra, kemm fuq l-art jew fil-baħar, li għalihom japplika dan l-Att, għandha tinforma minnufih lis-Sovrintendent, iżżomm il-proprjetà kulturali misjuba *in situ* u m'għandhiex għal perjodu ta' sitt ijiem tax-xogħol, li jista' fuq bażi raġonevoli jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' sitt ijiem tax-xogħol, wara li tinforma lis-Sovrintendent, tipproċedi b'xogħol fuq is-sit fejn l-oġġett ta' proprjetà kulturali ġie skopert.

(2) Is-Sovrintendent għandu jispezzjona s-sit tal-iskoperta fi żmien l-imsemmija sitt ijiem tax-xogħol u jista' jordna lill-persuna responsabbli biex twaqqaf kull xogħol ieħor fuq is-sit jew xi parti minnu billi jagħtiha avviż biex tissospendi x-xogħlijiet skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Qabel jiddetermina l-azzjoni xierqa skont dan l-Att, is-Sovrintendent jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi konsultazzjonijiet ma' entitajiet jew individwi oħra, testijiet, skavi u evalwazzjonijiet tas-sit kif preskritti fl-artikolu 7, eżamijiet jew spezzjonijiet u valutazzjonijiet oħra dwar l-istorja, il-kompożizzjoni, il-provenjenza jew aspetti oħra tal-proprjetà kulturali rilevanti kif jista' jkun meħtieġ.

(4) Il-Gvern ikollu d-dritt li jakkwista l-proprjetà immobbli kulturali hekk skoperta, skont l-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern:

Kap. 573

Iżda l-Aġenzija għandha tingħata d-dritt tal-ewwel rifjut għal dak li għandu x'jaqsam mal-allokazzjoni tal-proprjetà immobbli kulturali.

(5) Kull oġġett mobbli ta' valur kulturali skopert f'xi post

ġewwa Malta, fl-ilmijiet territorjali u ż-żona kontigwa tagħha irrispettivament mill-metodu ta' skoperta għandhom ikunu tal-Gvern u amministrati mis-Sovrintendenza skont l-artikolu 50.

(6) Kull meta tiġi skoperta proprjetà kulturali, is-Sovrintendent jista' jesiġi:

(*a*) li l-iskoperta tiġi fotografata jew inkella dokumentata jew irreġistrata, u li d-dokumentazzjoni tiġi kkunsinjata lis-Sovrintendent f'dawk iż-żminijiet kif jista' jiġi dikjarat fl-avviż tar-revoka;

(*b*) it-tlestija ta' pjanijiet emendati relattivi għal kwalunkwe xogħol, żvilupp jew attività jew xi parti minnha; u

(*ċ*) li kull xogħol, żvilupp jew attività jew xi parti minnha titwettaq taħt il-monitoraġġ jew is-superviżjoni kif jista' jiġi dikjarat fl-avviż tar-revoka, minn dak id-detentur tal-*warrant*, professjonist jew osservatur.

Avviżi ta' sospensjoni. *Sostitwit: XIX.2019.47. XLI. 2021.25.*

62. (1) Fejn xi żvilupp jew xogħol ieħor, inkluż restawr, ikun qiegħed jitwettaq fir-rigward ta' xi proprjetà kulturali bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew xi persuna li jkollha liċenzja biex twettaq skavi arkeoloġiċi, jew detentur ta' warrant tar-restawr, jew persuna elenkata, jew osservatur, espert jew organizzazzjoni akkreditati msemmija taħt dan l-Att ma tikkonformax ma' kull kondizzjoni marbuta ma' dik il-liċenzja, jew xi persuna li jkollha permess ta' żvilupp fil-każ ta' skoperta aċċidentali ta' proprjetà kulturali, jew li jkollha permess għar-restawr u tonqos milli tosserva dak il-permess, jew f'każ ta' kontravvenzjoni ta' xi kondizzjoni li tinsab f'xi permess b'kontravvenzjoni ta' dan l-Att, is-Sovrintendent jista' jinnotifika avviż ta' sospensjoni lill-persuna li tkun qiegħda twettaq dak l-iżvilupp, xogħol, restawr jew skavar, lill-proprjetarju tal-proprjetà fejn ikunu qegħdin jitwettqu dak l-iżvilupp jew xogħlijiet, lis-sid, pussessur jew detentur tal-proprjetà kulturali, u b'dan il-persuna notifikata bl-ordni għandha tissospendi l-attività konnessa max-xogħol ta' żvilupp, restawr jew skavar.

(2) Is-Sovrintendent jista' jirrevoka tali avviż ta' sospensjoni jew assolutament jew soġġett għall-kondizzjonijiet li s-Sovrintendent jista' jidhirlu xierqa."

Ordni ta' Konservazzjoni u Protezzjoni. *Sostitwit: XIX.2019.48. Emendat: XLI. 2021.26.*

63. (1) Is-Sovrintendent jista' f'każ ta' ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu, jew fil-każ ta' xi attività jew żvilupp fejn il-proprjetà kulturali tista' tkun f'riskju, jinnotifika b'ordni ta' konservazzjoni u protezzjoni lis-sid jew okkupant jew pussessur tal-proprjetà kulturali, li tkun teħtieġ dik l-azzjoni kif jista' jkun speċifikat fl-avviż, inkluż it-twaqqif ta' xi ħaġa li tkun qed issir jew titkompla, jew li tkun ippjanata li ssir, sabiex titwettaq f'dak iż-żmien speċifikat fl-ordni.

(2) Jekk xi azzjoni rikjesta fl-ordni ta' konservazzjoni u protezzjoni ma tkunx ittieħdet fiż-żmien hemmhekk speċifikat, is-

Sovrintendent ikollu d-dritt li jidħol fil-proprjetà kulturali u jista' għal dak l-iskop jitlob l-assistenza tal-Pulizija Esekuttiva u jieħu l-azzjoni meħtieġa fejn applikabbli, bl-ispejjeż għas-sid jew għall-okkupant jew għall-pussessur:

Iżda s-Sovrintendent jista' jirreġistra privileġġ speċjali fuq il-proprjetà għall-ammont ta' spejjeż dovuti.

Kap. 319.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ebda ordni jew mandat kwatelatorju ma jistgħu jinħarġu minn xi qorti li jirrestrinġu lis-Sovrintendent milli joħroġ ordni taħt dan l-artikolu jew milli jagħmel xi ħaġa li huwa awtorizzat li jagħmel skont dan l-artikolu.

(4) Is-Sovrintendent jista' jirrevoka tali ordni ta' konservazzjoni u protezzjoni jew assolutament jew kif soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li s-Sovrintendent jista' jidhirlu xierqa.

Kurazija.
Sostitwit: XIX.2019.49.

64. (1) Is-Sovrintendent jista' b'awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Ministru, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-proprjetà tal-gvern, b'att pubbliku, jidħol f'att ta' kurazija ma' kunsill lokali jew ma' organizzazzjoni mhux governattiva jew mal-Aġenzija fejn il-kustodja u l-amministrazzjoni ta' proprjetà immobbli kulturali tiġi mgħoddija lill-kunsill lokali jew lill-organizzazzjoni mhux governattiva jew lill-Aġenzija, skont il-każ, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti u kif soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet mhux inkonsistenti mal-istess, li jistgħu jkunu inklużi fl-att. L-att tal-kurazija għandu jistipula t-terminu li għalih ikun sar, liema terminu għandu jiġi approvat mis-Sovrintendent għal kull każ partikolari, wara konsiderazzjoni bir-reqqa tal-fattibbiltà u l-iskala tal-impenn ta' kull proposta.

(2) Il-Ministru għandu, madanakollu, fi żmien erba' ġimgħat wara l-pubblikazzjoni tiegħu, jew jekk il-Kamra ma tkunx imlaqqgħa, fi żmien erba' ġimgħat mid-data meta l-Kamra terga' titlaqqa', iqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra, u l-att tal-kurazija għandu jkun soġġett għall-kundizzjoni li jekk fuq mozzjoni mressqa mhux aktar tard minn tmienja u għoxrin ġurnata wara t-tqegħid fuq il-Mejda tal-Kamra tal-kopja tal-att tal-kustodja, il-Kamra tirriżolvi li l-att tal-kustodja għandu jiġi revokat, l-att għandu jiġi revokat awtomatikament hekk kif tgħaddi r-riżoluzzjoni.

(3) Qabel ma jawtorizza lis-Sovrintendent jidħol fl-att ta' kurazija, il-Ministru għandu jisma' l-fehma tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fl-att ta' kurazija; dawn il-kondizzjonijiet għandhom jindirizzaw b'mod partikolari l-kwistjonijiet li ġejjin:

(*a*) il-miżuri protettivi li għandhom jittieħdu biex jissalvagwardjaw il-proprjetà kulturali soġġetta għall-att ta' kurazija; u

(*b*) il-pjan ta' konservazzjoni u ġestjoni relatat mal-proprjetà kulturali, u l-arranġamenti organizzattivi, operattivi u finanzjarji konnessi mal-istess, u r-riżorsi organizzattivi, operattivi u finanzjarji li għandhom jiġu dedikati għall-istess.

(4) L-att ta' kurazija m'għandux jippreġudika xi setgħa ta' xi Entità stabbilita taħt dan l-Att fir-rigward tal-proprjetà kulturali soġġetta għall-att ta' kustodja.

(5) Il-proprjetà kulturali soġġetta għall-att ta' kurazija għandha tibqa' proprjetà tal-Gvern.

(6) Il-Ministru wara li jikkonsulta lis-Sovrintendent u lill-Kunsill jista' f'kull ħin b'ordni fil-Gazzetta jirrevoka l-att ta' kurazija jekk xi kondizzjonijiet stipulati fih jew id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu ma jkunux osservati mill-parti l-oħra.

(7) Fit-tmiem ta' kull sena kalendarja, il-parti li fil-kustodja tagħha titqiegħed il-proprjetà kulturali għandha tittrasmetti lill-Ministru, lis-Sovrintendent u lill-Kunsill rapport dwar l-attivitajiet tagħha fir-rigward tal-proprjetà kulturali u dwar kif tkun wettqet l-att ta' kurazija matul is-sena ta' qabel. Kopja ta' dak ir-rapport għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru.

(8) Is-Sovrintendent jista' jġedded l-att ta' kurazija fuq l-istess termini u kondizzjonijiet għal terminu ieħor, jew termini, wara awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel mill-Ministru. Tali tiġdid għandu jiġi rreġistrat mal-Kunsill u kopja tiegħu għandha, fi żmien erba' ġimgħat, titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

(9) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jippreskrivu b'mod ġenerali regoli dwar il-kustodja.

Dritt tal-ewwel rifjut lill-Aġenzija ta' proprjetà vakanti tal-Gvern. *Miżjud: XLI. 2021.27.*

64A. Fil-każ li proprjetà immobbli li tappartjeni lill-Gvern ta' Malta li hija ta' importanza kulturali jew storika ssir vakanti jew tkun disponibbli għas-Sovrintendent jew għall-Kunsill, l-Aġenzija għandu jkollha d-dritt tal-ewwel rifjut meta tiġi għall-allokazzjoni tal-immobbli tal-proprjetà kulturali.

Dritt esklussiv għal skavar. *Sostitwit: XIX.2019.50.*

65. (1) Skavi arkeoloġiċi jew paleontoloġiċi jew esplorazzjonijiet għal proprjetà kulturali, inkluż investigazzjonijiet, evalwazzjonijiet fuq il-post, stħarriġ u monitoraġġ, fuq l-art kif ukoll fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żona kontigwa ta' Malta jistgħu jsiru biss mis-Sovrintendent, jew bil-permess bil-miktub tas-Sovrintendent u skont kwalunkwe kondizzjoni annessa mal-istess:

Iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 60, is-Sovrintendent jista' jwettaq skavi jew iġiegħel li jitwettqu skavi għall-finijiet ta' dan l-Att f'xi parti ta' Malta, kull meta dawn l-iskavi jkunu meqjusa bħala spedjenti u kif soġġett għal kwalukwe regolamenti magħmula taħt l-artikolu 72(d):

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 61.

(2) Meta jawtorizza attivitajiet imsemmija fis-subartikolu (1), is-Sovrintendent għandu fost konsiderazzjonijiet u kondizzjonijiet oħra li jistgħu jkunu meħtieġa, jiżgura li:

(*a*) jittieħdu miżuri ta' protezzjoni xierqa biex jissalvagwardjaw il-proprjetà kulturali soġġetta għal tali attivitajiet;

(*b*) tali attivitajiet jitwettqu skont proposta ta' riċerka xjentifika, metodoloġija tal-attivitajiet proposti, programm ta' pubblikazzjoni, pjan ta' konservazzjoni u ġestjoni għall-proprjetà kulturali u kwalunkwe oġġett li ġej minnhom, arranġamenti finanzjarji adegwati relatati magħhom, u r-riżorsi organizzattivi, operattivi u finanzjarji li għandhom jiġu dedikati għall-istess;

(*ċ*) il-produzzjoni ta' garanzija finanzjarja adegwata;

(*d*) tali attività awtorizzata jkollha l-inqas impatt possibbli fuq il-proprjetà kulturali, u li metodi ta' investigazzjoni mhux distruttivi jiġu applikati kull meta dan ikun possibbli matul dik l-attività;

(*e*) tali attivitajiet u skavi u tekniki oħra potenzjalment distruttivi jitwettqu biss minn persuni kwalifikati u awtorizzati; u

(*f*) kopja sħiħa tar-rekords ta' kull attività awtorizzata bħal din għandha tiġi depożitata mill-persuna awtorizzata lis-Sovrintendent.

(3) Is-Sovrintendent jista' jistabbilixxi u jinnomina riżervi arkeoloġiċi, ukoll meta ma jkunx hemm fdalijiet viżibbli fuq l-art jew taħt l-ilma, għall-preservazzjoni ta' evidenza materjali biex tiġi studjata minn ġenerazzjonijiet sussegwenti:

Iżda l-ħolqien ta' riservi arkeoloġiċi bħal dawn għandu jkun konsiderazzjoni materjali fil-valutazzjoni ta':

(*a*) awtorizzazzjonijiet għal skavi arkeoloġiċi u paleontoloġiċi; u

(*b*) permessi għal żviluppi u interventi oħra li jolqtu l-proprjetà kulturali skont l-artikolu 59.

(4) Is-Sovrintendent għandu jinkludi dawk ir-riżervi arkeoloġiċi fl-Inventarju Nazzjonali.

(5) Is-Sovrintendent għandu jieħu l-miżuri prattiċi kollha biex

jiżgura l-abbozzar, wara operazzjonijiet arkeoloġiċi, ta' rekord sommarju xjentifiku li jista' jiġi ppubblikat qabel il-pubblikazzjoni tal-istudju komplut:

Iżda l-istudju komplut għandu jkun ippubblikat mhux aktar tard minn tliet snin mill-konklużjoni tal-iskavi.

Konvenzjonijiet internazzjonali, eċċ. *Renumerat XIX.2019.51.*

66. Il-poteri u d-dmirijiet taħt dan l-Att għandhom ikunu eżerċitati b'mod konformi ma' kull konvenzjoni, trattat, qbil jew istrument internazzjonali li jirrigwardaw l-użu u l-konservazzjoni kif imiss ta' proprjetà kulturali nazzjonali jew tad-dinja li Malta tista' tkun parti fihom.

Treġġigħ lura ta' proprjetà kulturali misruqa u esportata kontra l-liġi. *Renumerat XIX.2019.51.*

67. (1) Il-Gvern qiegħed b'dan jiġi awtorizzat jirratifika u jsir parti fil-Unidroit Convention on Stolen or Illegally Exported Cultural Objects (Rome, June 1995).

(2) Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lill-Kunsill, b'regolamenti jippreskrivi regoli li jagħtu seħħ għal xi jew kull dispożizzjoni tal-Konvenzjoni msemmija u d-dispożizzjonijiet ta' regolamenti bħal dawk għandu jkollhom seħħ minkejja l-provvedimenti ta' kull liġi oħra li tkun tgħid il-kuntrarju.

Dritt ta' appell. *Sostitwit: XIX.2019.52.* Kap. 490.

68. (1) Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tas-Sovrintendent taħt l-artikoli 54, 55, 57, 62 u 63 għandu jkollha dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

(2) L-appell lit-Tribunal imsemmi għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn għoxrin jum wara n-notifika tad-deċiżjoni tas-Sovrintendent:

Iżda l-preżentata tal-appell m'għandhiex tissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni appellata.

(3) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jista', fid-determinazzjoni tiegħu fuq kull appell ippreżentat skont is-subartikolu (1), jikkonferma, ireġġa' lura jew ivarja, totalment jew parzjalment, id-deċiżjoni oriġinali.

Sostitwit: XIX.2019.53.

TAQSIMA X

PATRIMONJU KULTURALI RELIĠJUŻ

Dispożizzjonijiet dwar patrimonju kulturali reliġjuż. *Enumerat: XIX.2019.54. Emendat: XLI. 2021.28.*

69. (1) Bla ħsara għal xi liġi oħra li tista' tkun fis-seħħ, u sa dak iż-żmien li jista' jkun hemm ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ċivili u dawk ekklesjastiċi, proprjetà kulturali li tkun tappartjeni lill-Knisja Kattolika inkluż lill-Ordnijiet Reliġjużi Kattoliċi u intiża jew użata għal finijiet reliġjużi għandha taqa' taħt ir-regolament u s-sovrintendenza esklużivi tal-Kummissjoni għall-Patrimonju Kulturali Kattoliku li tkun maħtura kull sentjen mill-President tal-Konferenza Episkopali Maltija, u tkun magħmula minn mhux inqas minn ħames esperti li wieħed minnhom għandu jkun hekk maħtur wara konsultazzjoni mal-Ministru.

(2) Proprjetà kulturali li tkun tappartjeni lil u hi intiża jew użata għal finijiet reliġjużi ta' xi denominazzjoni oħra apparti dik

imsemmija fis-subartikolu (1) tista' titqiegħed mill-awtorità reliġjuża rilevanti u kompetenti taħt ir-regolament u s-sovrintendenza esklużivi ta' kummissjoni għall-patrimonju kulturali reliġjuż. Kull tali kummissjoni għall-patrimonju kulturali reliġjuż għandha tinħatar kull sentejn mill-awtorità reliġjuża rilevanti u kompetenti, u tkun magħmula minn tliet esperti li wieħed minnhom għandu jkun hekk maħtur wara konsultazzjoni mal-Ministru.

(3) Il-kummissjonijiet msemmija fis-subartikoli (1) u (2) għandu jkollhom l-istess poteri u dmirijiet għar-rigward tal-proprjetà kulturali taħt is-sovrintendenza tagħhom daqskemm ikollu s-Sovrintendent, u għandhom jagħtu rapport dwar il-ħidma tagħhom lill-Forum:

Iżda meta tali kummissjonijiet ma jkunux ġew hekk maħtura, ir-regolament u s-sovrintendenza tal-proprjetà kulturali li taqa' taħt il-kompetenza tagħhom tkun tvesti fis-Sovrintendent.

(4) Il-Ministru, wara konsultazzjoni sħiħa mal-President tal-Konferenza Episkopali Maltija msemmi fis-subartikolu (1) jew mal-awtorità reliġjuża rilevanti u kompetenti msemmija fis-subartikolu (2), jista' jagħmel regolamenti biex jirregola s-setgħat u d-dmirjiet ta', u l-proċeduri u l-prattika li għandhom jiġu segwiti mill-kummissjonijiet imsemmija fis-subartikoli (1) u (2):

Iżda l-awtoritajiet reliġjużi u, jew is-sovrintendenzi rispettivi tagħhom jistgħu jiddelegaw kwalunkwe funzjoni lis-Sovrintendenza stabbilita taħt l-artikolu 7.

Sostitwit: XIX.2019.55.

TAQSIMA XI

REATI

Ħsara volontarja jew qerda ta' proprjetà kulturali. *Emendat: A.L. 426 tal-2007; Enumerat/ Emendat: XIX.2019.56; Emendat: XLI. 2021.29.*

70. (1) Kull min:

(*a*) xjentement, jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti jikkaġuna dannu lil jew jeqred proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetà kulturali tkun sew jekk ma tkunx reġistrata f'xi inventarju skont dan l-Att, u kemm jekk is-sid ta' tali proprjetà ta' patrimonju kulturali jkun il-persuna li tkun ikkaġunat il-ħsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qegħda tamministraha b'mod leġittimu;

(*b*) jagħmel xi attività jew inkella jaġixxi bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jew tal-kondizzjonijiet ta' liċenza jew permess maħruġ taħt dan l-Att jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa li jkun meħtieġ li jagħmel taħt dan l-Att, regolament jew liċenza; jew

(*ċ*) jagħmilha ta' konservatur-restawratur meta ma jkollux *warrant* taħt it-Taqsima VI ta' dan l-Att; jew

(*d*) jonqos milli jimxi skont xi avviż ta' sospensjoni maħruġ skont l-artikolu 62 jew skont ordni ta' konservazzjoni jew protezzjoni magħmul skont l-artikolu 63; jew

(*e*) jirċievi jew jiddetjeni proprjetà kulturali filwaqt li jkun jaf li din tkun tneħħiet illegalment f'Malta jew li tkun ġiet illegalment esportata minn xi pajjiż ieħor; jew

(*f*) jimpedixxi, jostakola, jimmolestja jew jindaħal lil, jew jittanta jimpedixxi, jostakola, jimmolestja jew jindaħal lil xi uffiċjal jew impjegat tas-Sovrintendenza, jew tal-Aġenzija, jew tal-Kunsill jew lil xi uffiċjal tal-pulizija, fl- esekuzzjoni tad-dmirijiet li hemm provdut dwarhom f'dan l-Att, jew jonqos milli jħares xi ordni leġittima minn xi tali uffiċjal jew impjegat jew uffiċjal tal-pulizija kif hawn aktar qabel imsemmija, jew xjentement jagħti lil dak l-uffiċjali jew impjegat informazzjoni qarrieqa jew jittraskura jew jiċħad milli jagħti informazzjoni meħtieġa minn jew taħt dan l-Att; jew

(*g*) jagħmel dikjarazzjoni għal kull fini ta' dan l-Att li tkun falza, qarrieqa jew mhux korretta f'xi aspett materjali; jew

(*h*) kwalunkwe persuna li xjentement hija fil-pussess ta' kwalunkwe forma ta' proprjetà kulturali li kienet akkwistata illegalment u miżmuma minn dik il-persuna,

għandu jkun ħati ta' reat kontra dan l-Att u għandu jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn euro (€2,000) u li ma taqbiżx mitejn u ħamsin elf euro (€250,000), jew priġunerija għal terminu li ma jaqbiżx sitt (6) snin, jew għal dik il-multa u priġunerija:

Iżda, bla ħsara għall-ogħla multa hawn aktar qabel imsemmija, l-inqas multa li ħati jista' jeħel taħt dan l-artikolu m'għandhiex tkun inqas mill-valur ta' xi xogħol meħtieġ biex jirrimedja l-effetti tar-reat.

(2) Ir-responsabbiltà ta' ħati taħt subartikolu (1) għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-ħati li jħallas lis-Sovrintendent kull nefqa li ssir għar-reintegrazzjoni, jew ir-restawr tal-proprjetà kulturali minħabba fl-għemil tar-reat, jew li jħallas ġol-Fond il-valur tal-proprjetà kulturali meqruda jew danneġġata meta dik il-proprjetà ma tkun tista' la tiġi reintegrata u lanqas restawrata. Dak il-ħlas jista' jinġabar permezz ta' kawża ċivili li ssir mis-Sovrintendent kontra l-ħati jew l-eredi tiegħu.

(3) Il-Qorti għandha, minbarra li tagħti l-piena msemmija f'dan l-artikolu, tordna lill-persuni misjubin ħatja li jneħħu dak kollu li jkun qed jikkaġuna r-reat u li jreġġgħu lura għal li kienet kull ħaġa li tkun saret mingħajr ebda permess meħtieġ taħt dan l-Att jew biex iħares il-kondizzjonijiet imposti f'tali permess, skont il-każ, fi żmien suffiċjenti għal dak l-iskop u f'kull każ ta' mhux iżjed minn tliet xhur mid-data tas-sentenza u, jekk il-ħati jonqos milli jħares xi ordni bħal dik f'dak iż-żmien li jiġi hekk stabbilit, jista' jeħel ukoll multa ta' mhux inqas minn mitejn euro (€200.00) u mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500), kif il-qorti tista' tistabbilixxi, għal kull ġurnata li jkompli n-nuqqas wara li jiskadi ż-żmien imsemmi.

Poteri ta' prosekuzzjoni u ta' assistenza lill-Pulizija u lil uffiċjali oħra. *Enumerat/ Emendat: XIX.2019.57.*

71. (1) Fi prosekuzzjonijiet għal reati kontra dan l-Att jew kontra regolamenti taħt dan l-Att, uffiċjali tas-Sovrintendenza għandhom jassistu lill-pulizija, u li jagħmluha ta' prosekuturi fil-Qorti tal-Magistrati.

(2) Uffiċjali tas-Sovrintendenza jistgħu jassistu lill-Pulizija, lid-Dwana jew kull korp ieħor tal-Gvern, meta dawn ikunu qegħdin jeserċitaw poteri mogħtija taħt kull liġi oħra, fl-eserċizzju ta' kull poter biex jipprevjenu l-kummissjoni ta' reat kontra dan l-Att jew biex ikollhom disponibbli provi li jirrigwardaw xi reat bħal dak.

Sostitwit: XIX.2019.58.

TAQSIMA XII

REGOLAMENTI

Poteri li jsiru regolamenti. *Enumerat/ Emendat: XIX.2019.59; Emendat: XLI. 2021.30.*

72. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jagħti seħħ lil kull dispożizzjoni ta' dan l-Att, jew biex jirregola jew xort'oħra jipprovdi dwar kull ħaġa għar-rigward tal-attivitajiet li jaffettwaw il-proprjetà kulturali, u tista' b'mod partikolari, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, jagħmel regolamenti għal kull għan minn dawn li ġejjin:

(*a*) biex jiġi stabbilit kull dritt u ħlas li jistgħu ikollhom jinġabru minn jew taħt, jew għas-servizzi mogħtija konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*b*) biex jigi żgurat l-aħjar twettiq tal-funzjonijiet tal-Entitajiet;

(*ċ*) biex tigi regolata l-ħatra ta' uffiċjali u impjegati ma' kull Entità;

(*d*) biex jiġi regolat kull skavar u esplorazzjoni;

(*e*) biex jiġu stabbiliti linji direttivi għall-aħjar pratka ta' konservazzjoni u ta' restawr;

(*f*) biex jiġi pprovdut dwar kull formola jew proċedura li jistgħu jkunu meħtieġa jew spedjenti u li dwarhom ma jkun hemm ebda proċedura speċifika li tinsab f'dan l-Att;

(*g*) biex jiġi regolat l-bejgħ ta', u l-kummerċ fi proprjetà kulturali;

(*h*) biex jigi regolat ċ-ċaqlieq ta' proprjetà kulturali;

(*i*) biex jiġu preskritti regoli li jagħtu seħħ lil kull konvenzjoni internazzjonali li tirrigwarda l-protezzjoni tal-patrimonju kulturali, ratifikata mill-Gvern ta' Malta; jew biex ikun hemm konformità ma' kull obbligi internazzjonali li fiha jidħol il-Gvern ta' Malta dwar il-patrimonju;

(*j*) meta ma jkunx xort'oħra pprovdut f'dan l-Att, biex jiġu preskritti regoli li jirregolaw is-setgħat u d-dmirijiet ta', u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti minn, dik l-enti, kummissjoni, kumitat jew bord imwaqqfa f'dan l-Att jew taħtu;

(*k*) biex jistabbilixxi u jippubblika r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni kif stabbilit mill-artikolu 39;

(*l*) biex jiġu stabbiliti l-parametri li fihom, u t-tipi ta' proprjetà kulturali li dwarhom, għandhom jiġu eżerċitati l-poteri taħt l-artikoli 54 u 55;

(*m*) biex jiġu ppubblikati r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi skont l-artikolu 7(5)(m);

(*n*) biex tiġi stabbilita l-lista tal-Ħiliet tal-Patrimonju;

(*o*) biex jipprovdi dwar il-forma u proċedura dwar applikazzjonijiet u għoti ta' permessi għall-interventi fi proprjetà kulturali taħt l-artikolu 59, u biex jipprovdi dwar appelli mid-deċiżjoni tas-Sovrintendent dwar l-istess;

(*p*) biex tistabbilixxi r-regoli relattivi għat-test tal-kapaċità;

(*q*) biex tistabbilixxi gwida, regoli u regolamenti u tipprovdi għall-forma u l-proċedura għall-inkarigu ta' kollezzjonijiet u siti pubbliċi;

(*r*) biex tipprovdi għal ksur amministrattiv u multi inklużi soluzzjonijiet barra mill-qorti;

(*s*) biex tiġi preskritta kull ħaġa oħra li tista' jew li għandha tkun preskritta taħt dan l-Att.

TAQSIMA XIII

Sostitwit: XIX.2019.60.

MIXXELLANJI

Riserva. *Sostitwit: XIX.2019.61.*

73. Ir-regolamenti kollha magħmulin taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet, revokat b'dan l-Att, għandhom jibqgħu iseħħu u jkollhom effett bħallikieku magħmulin taħt dan l-Att, u jistgħu jiġu emendati jew imħassra skont hekk, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal kull ksur ta' dawk ir-regolamenti bħallikieku jkunu saru taħt dan l-Att.

Sostitwita:
A.L. 426 tal-2007.
XIX.2019.62;
XLI. 2021.31.

SKEDA

(Artikolu 54)

RATA TA' DAZJU TA' ESPORTAZZJONI

Ċertifikat għall-moviment fl-UE - japplika kemm għal "importazzjoni" kif ukoll għal "esportazzjoni" minn kwalunkwe Stat tal-UE	Dritt Amministrattiv: €65 inkluż il-VAT Dritt Espress: €200 inkluż VAT
Ċertifikat għall-esportazzjoni / ri-esportazzjoni (barra mill-UE) ta' oġġetti tal-patrimonju kulturali ta' aktar minn ħamsin (50) sena	15% *ad valorem* fee tal-valur iddikjarat jew kif stabbilit fl-Att, kif ukoll: Dritt Amministrattiv: €65 inkluż il-VAT Dritt Espress: €200 inkluż VAT